**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-23 TA' OTTUBRU, 2023**

**Rik. Kost. 329/2021 RGM**

**Professur Arnold Cassola**

**v.**

**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti**

1. Rat li permezz ta' rikors ippreżentat mir-rikorrent il-Professur Arnold Cassola fl-14 ta' Mejju 2021 huwa ppremetta illi:

    i. kkontesta l-Elezzjonijiet Nazzjonali fl-1992, 1996, 1998, 2003, 2008, 2013 u 2017;
    ii. fl-2019 huwa kkontesta bħala kandidat indipendenti u fuq livell nazzjonali tella 2,200 vot mal-ewwel għadd u 2,900 vot mal-aħħar għadd;

iii. huwa jixtieq ikompli jaħdem fil-kamp politiku u li jkun kandidat indipendenti fl-elezzjonijiet li jmiss jew li jifforma koalizzjoni jew alleanza politika li ma tkunx assoċjata mal-Partiti politiċi l-Partit Laburista jew il-Partit Nazzjonalista;

iv. l-maġġoranza tal-Kamra tad-Deputati tal-Parlament ivvutaw biex japprovaw l-Abbozz 119 ta' liġi bl-isem 'Att sabiex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta u liġijiet oħra sabiex jiżgura ugwaljanza de facto bejn in-nisa u l-irġiel fil-politika'. Bis-saħħa ta' dan l-Att ġie leġislat li jekk f'elezzjoni ġenerali il-kandidati ta' żewġ partiti biss ikunu eletti u f'każ li n-numru ta' membri tal-Parlament tas-sess l-inqas rappreżentat huwa inqas minn 40% tal-Membri kollha tal-Parlament, allura n-numru ta' Membri tal-Parlament għandu jiżdied b'mhux aktar minn 12 il-Membru tas-sess l-inqas rappreżentat;

v. dan il-provvediment tal-liġi huwa diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent u individwi oħra li m'humiex kandidati taż-żewġ partiti għax jillimita u jirrestrinġi l-inċentivi ta' siġġijiet addizzjonali biss għal dawk il-kandidati assoċjati maż-żewġ partiti li jiġu eletti fil-Parlament meta jkunu eletti membri ta' żewġ partiti biss;

vi. dan il-provvediment legali huwa lesiv tad-dritt tal-libertà t'assoċjazzjoni kif sanċit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea kif provdut mill-Kapitolu 319;

vii. l-mekkaniżmu taż-żieda ta' Membri tal-Parlament mhux wieħed neċessarju jew proporzjonat biex jippromwovi ugwaljanza bejn is-sessi iżda mekkaniżmu biex jipperpetwa d-duwopolju tal-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista fil-Parlament u jeskludi r-rappreżentanza iktar wiesa u l-kandidatura u opportunitajiet tar-rikorrent;

viii. l-mekkaniżmu fuq imsemmi imur kontra d-dritt għall-elezzjonijiet ħielsa hekk kif sanċit minn Artikolu 3 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea li jipproteġi u jiżgura l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġislatura;

ix. mekkaniżmu kumpensatorju jikkostitwixxi interferenza u distorzjoni tal-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fejn il-vot għall-kandidati taż-żewġ partiti l-kbar li jiġu eletti fil-parlament jiġi ppremjat b'iktar siġġijiet fil-parlament u għalhekk jingħata aktar piż minn vot li jingħata lil kandidat li mhux assoċjat maż-żewġ partiti hekk eletti;

x. dan il-mekkaniżmu kumpensatorju jippromwovi biss liż-żewġ partiti l-kbar bl-esklużjoni tal-kandidati indipendenti jew ta' partiti jew alleanzi oħrajn u għalhekk jikkostitwixxi diskriminazzjoni politika u xkiel fuq l-espressjoni ħielsa tal-votanti;

xi. din hija diskriminatorja sia ai termini tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għax jimponi żvantaġġ sproporzjonat u irraġonevoli fuq ir-rikorrent u kandidati li m'humiex assoċjati maż-żewġ partiti ċioe l-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista.

Għalhekk ir-rikorrent talab lill-Qorti,

1. "Tiddikjara illi l-Avukat ta' l-iStat intimat kiser id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem ghad-dritt ta' elezzjonijiet ħielsa kif provdut f'Artiklu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, kif ukoll tikostitwixxi diskriminazzjoni skont l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u kif provdut f'Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2. Tiddkjara illi l-intimat kiser id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem rigward il-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni kif provdut fl-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 12 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

3. Tagħti kull rimedju, direttiva u kumpens li jidhrilha xieraq inkluż id-dikjarazzjoni li l-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kull referenza għal Artikolu 52A kemm f'Artikolu 61A(2)(b) u f'Artikolu 66(2)(b) tal-Kostituzzjoni kif ukoll fir-Regolamenti 21a, Regolament 23a u Regolament 24 u oħrajn Annessi mat-Tlettax-il Skeda Regolamenti tal-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Klassifika tal-Poloz tal-Votazzjoni, Elezzjonijiet Każwali u b'Għażla) fl-Att Dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, imorru kontra l-Kostituzzjoni u li huma nulli u mingħajr effett."

2. L-intimat Avukat tal-Istat, b'risposta tat-8 ta' Ġunju, 2021 oppona għat-talbiet tar-rikorrent billi ressaq l-eċċezzjonijiet segwenti:

i. l-kawża promossa mir-rikorrent mhix proponibbli għaliex tikkonsisti f'azzjonijiet differenti u distinti fin-natura, ix-xorta u l-konsegwenzi tagħhom li jġibu n-nullità tal-azzjoni;
ii. r-rikorrent m'għandux interess ġuridiku jippromwovi din il-kawża;
iii. l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea hija biss applikabbli f'Malta limitatament f'dak li jikkonċerna '*the scope and application of European Union Law*' u mhux għall-elezzjonijiet ġenerali li huma '*matters of Member State competence*';

iv. Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni ta' Malta kellu jkun applikabbli wkoll fl-istess kuntest ta' dak provdut f'Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni ta' Matla u ċioe' fejn 'kandidati ta' żewġ partiti biss ikunu eletti';

v. mhux qed tinħoloq diskriminazzjoni fil-konfront ta' kandidati indipendenti jew tat-tielet partit, stante li l-Artikolu 52A ma japplikax f'każ li jkunu eletti kandidati ta' aktar minn żewġ partiti, u mhux japplika fil-konfront ta' wieħed jew tnejn mill-partiti a skapitu ta' tielet partit;

vi. sakemm Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni jibqa' jipprovdi li f'każ li ebda partit ma jottjeni maġġoranza assoluta, il-mekkaniżmu korrettiv japplika biss meta jiġu eletti biss kandidati minn żewġ partiti, l-istess applikazzjoni għandu jkun hemm f'dak li jirrigwarda Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni;

vii. Artikolu 52A ġie approvat mill-Kamra tar-Rappreżentanti kważi unanimament u għalhekk għandu jingħata piż lill-eżerċizzju demokratiku li wassal għall-promulgazzjoni tal-provvedimenti mertu ta' din il-kawża;

viii. Artikolu 52A bl-ebda mod ma jipprojbixxi jew jimpedixxi t-twaqqif ta' xi assoċjazzjoni jew ta' xi partit politiku u bl-ebda mod ma jostakola d-dritt ta' persuna li tassoċja ruħha ma' oħrajn;

ix. Att XX tal-2021 ma biddel xejn fil-proċess elettorali u kull persuna kwalifikata ai termini ta' Artikolu 53 tal-Kostituzzjoni u mhux skwalifikata ai termini ta' Artikolu 54 tal-Kostituzzjoni tista' liberament tikkontesta elezzjoni ġenerali u daqstant ieħor tali persuna tista' tassoċja ruħha ma' kandidati oħrajn;

x. l-emendi introdotti bl-Att XX tal-2021 bl-ebda mod ma jivvjolaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll peress li ma jilledux id-dritt għall-elezzjonijiet ħielsa;

xi. la l-emendi ma jilledux id-dritijiet fundamentali tar-rikorrent ma jistax jissussisti att diskriminatorju.

3. Illi fis-seduta tas-16 ta' Ġunju, 2021 din il-Qorti diversament presjeduta ordnat li qabel ma tgħaddi sabiex tisma' l-mertu, l-ewwel tisma u tiddeċiedi it-tlett eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-intimat li permezz tagħhom laqgħa għat-talbiet tar-rikorrenti bl-eċċezzjoni li t-talbiet tar-rikorrenti kienu kunfliġġenti u allura l-azzjoni kienet nulla u improponibbli; bl-eċċezzjoni li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma kenitx applikabbli għall-każ u bl-eċċezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku fir-rikorrent sabiex iressaq din il-kawża.

4. B'sentenza mogħtija fil-11 ta' Jannar 2022 minn din il-Qorti diversament presjeduta, ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni; filwaqt li laqgħet it-tieni u t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u għaddiet sabiex caħdet it-talbiet tar-rikorrent.

5. Rat illi r-rikorrent ippreżenta appell fit-28 ta' Jannar 2022 li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti tal-Appell sabiex tirrevoka s-sentenza tal-11 ta' Jannar 2022 fejn laqgħet it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u tiddikjara li l-attur għandu interess ġuridiku meħtieġ sabiex il-kawża istitwita minnu tinstema' u tiġi deċiża.

6. Rat illi b'sentenza tas-7 ta' Marzu 2022 il-Qorti Kostituzzjonali laqgħet *in parte* l-appell tar-rikorrent, irriformat is-sentenza appellata billi sabet li r-rikorrent għandu l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex iressaq l-ilment tiegħu bħala kandidat li jixtieq jissieħeb ma' ħaddieħor kif ukoll li għandu l-interess ġuridiku meħtieġ bħala votant; iżda li ma għandux interess ġuridiku bħala kandidat individwali.

7. Kien għalhekk li l-Qorti tal-Appell bagħtet l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti għall-prosegwiment tas-smiegħ tal-kawża fil-mertu fid-dawl ta' dak deċiż fl-appell.

8. Rat illi l-kawża ġiet ri-assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta li b'digriet tal-10 ta' Marzu 2022 appuntat il-kawża għas-smigħ għas-16 ta' Marzu 2022.

9. Wara li semgħat il-provi fil-mertu, rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ippreżentata fit-3 t'April 2023[1] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fit-30 ta' Ġunju 2023[2] u rat l-atti kollha tal-kawża ħalliet il-kawża għas-sentenza.

**Provi**

10. Il-r-rikorrent il-**Professur Arnold Cassola** xehed permezz t'affidavit fejn spjega li l-emendi kostituzzjonali li ġew approvati mill-parlament joħolqu diskriminazzjoni favur il-kandidati nisa tal-Partit Laburista u tal-Partit Nazzjonalista u kontra dawk il-kandidati l-oħra li m'humiex affiljati mal-imsemmija partiti. Jgħid li "l-emenda ġiet xjentement mahduma fuq elezzjoni ta' zewg partiti, meta s-sistema elettorali Maltija

[1] Fol 307 et seq tal-proċess.
[2] Fol 328 et seq tal-proċess.

hija bbazata fuq elezzjoni ta' kandidati individwali u mhux ta' partiti."[3] Kompla jgħid li l-mekkaniżmu li ġie introdott ma jinċentivax lil persuni jikkandidaw ruħhom ma partit li mhux mal-imsemmija partiti tant li l-persuni li kienu interessati li joħolqu koalizzjoni jew partit miegħu issa qatgħu qalbhom u dan għaliex jafu li anke jekk jġibu aktar voti minn kandidati nisa tal-partiti imsemmija, xorta waħda mhux ħa jgawdu mill-istess trattament u ċioe li jiġu *co-opted*. Jgħid li dan qiegħed jikkawżalu xkiel sabiex jifforma jew jingħaqad ma' oħrajn f'entita politika li tixtieq tikkandida ruħha fl-elezzjoni. Jispjega li l-possibilità li jingħaqad ma' oħrajn biex isegwi u jimplimenta l-prinċipji li jħaddan ġew imminati bl-introduzzjoni ta' dan il-mekkaniżmu tal-ġeneru. Ikompli jgħid li "[w]ieħed jista' jargumenta li l-eżistenza ta' żvantaġġ elettoral m'għandux jaqta' qalb dak li jkun, imma jibqa' l-fatt li jkun inħalaq ostakolu li ma jippermettix "level playing field" bejn kull min jikkandida ruħu u dan jnaqqas jew iledi mid-dritt għal-liberta ta' assozzjazzjoni tiegħi."[4] Spjega li l-mekkaniżmu ħoloq sistema fejn mara jew tnejn indipendenti jew minn partiti minuri li jkunu fost 'l aktar 12-il mara votati non-eletti, dawna jiġu mwarrba mil-lista u rimpjazzati minn kandidati nista tal-partiti fuq imsemmija li jkunu ġabu anqas voti minnhom. Jgħid li huwa kien kellem lil Professur Carmen Sammut (chairperson) tal-Kumitat tekniku u lill-membri Dr. Josianne Cutajar u s-Sinjura Lorraine Spiteri bid-diskriminazzjoni li tali emenda kienet ser toħloq però jgħid li l-argument tiegħu ġie injorat mill-imsemmija tlett membri. Jgħid li r-riżultat hu li l-mekkaniżmu tal-ġeneru jmur kontra d-dritt għall-elezzjoni ħielsa sanċit mill-Artikolu 3 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u dan għaliex l-emenda tikkostitwixxi diskriminazzjoni politika wkoll mal-votanti billi r-rieda tal-vot kif espressa minn elettur li jkun ivvota għal kandidat/a mhux mill-Partit Nazzjonalista jew Partit Laburista li tkun ikklassifikat mal-ewwel 12 tal-ġeneru l-anqas rappreżentat, tiġi għal kollox imwarrba u anzi tiġi *co-opted* membru parlamentari oħra tal-partiti imsemmija.Ikompli jgħid hekk:

> "Infatti, jekk f'distrett grupp ta' votanti jivvutaw għal kandidat/a indipendenti jew ta' tielet partit li kumplessivament ġġib numru ta' voti li jqegħduha fis-6 post fil-lista ta' 12-il kandidat/a li jridu jiġu co-opted, il-kanditat/a mhux tal-PNPL titqaċċat mil-lista u tiġi rimpjazzata minn kandidata Nazzjonalista jew Laburista li tkun spiċċat fit-13-il post fil-gradwatorja tan-non eletti."[5]

---

[3] Fol 24 tal-proċess.

[4] Fol 25 tal-proċess.

[5] Fol 27 tal-proċess.

Isostni għalehkk li m'huwiex minnu li l-vot huwa ugwali għal kull elettur, u jmur kontra l-prinċipju stabbilit li kull elezzjoni hija meqjusa *fair and free*. Apparti wkoll li l-poter li jiġu eletti kandidati għaddiet minn idejn il-votant għal idejn il-Parlament u allura huwa abbuż ta' poter tal-Parlament li qiegħed imur lil hinn mill-mandat billi jissovverti l-ordni demokratiku tal-Kostituzzjoni. Jgħid li kienet il-Kummissjoni Nazzjonali għal Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) li rrikonixxit ukoll li tali mekkaniżmu kellu japplika wkoll għal partiti terzi.

11. Il-**Professur Arnold Cassola** reġa xhed wara l-elezzjoni ta' Marzu 2022. Spjega li b'elezzjoni ta' Marzu 2022 il-kandidati tal-ADPD Sandra Gauci u Melissa Bagley ġabu aktar voti, iżda minħabba l-mekkaniżmu tal-ġeneru kif introdott huma spiċċaw tħallew barra mill-Parlament għaliex ġiet *co-opted* kandidata mill-Partit Laburista. Jgħid ukoll li r-rieda tal-vontanti li vvutaw għal Sandra Gauci u Melissa Bagley ġiet totalment injorata mal-mument li ġiet *co-opted* persuna oħra li ġabet anqas voti minnhom.

12. Ir-rikorrent ressaq ix-xhieda segwenti.

13. Xehdet permezz t'affidavit **Dr Claire Azzopardi Lane** fejn spjegat li hija interessata fil-politika u kienet attivista fl-Alternattiva Demokratika kemm bħala membru elett tal-Kumitat Eżekuttiv kif ukoll bħala kelliema tal-partit. Spjegat li hija għandha interess personali fl-emendi leġislattivi li saru fil-Kostituzzjoni u f'diversi liġijiet elettorali. Tgħid li skont dawn l-emendi il-possibilità ta' *co-option* tidħol fis-seħħ biss jekk ikunu eletti żewġ partiti biss fil-parlament. Tispjega li apparti li hija insultanti fil-konfront ta' nisa oħra li ma joħorġux maż-żewġ partiti l-kbar, tgħid li hija liġi diskriminatorja fil-konfront tagħha għax il-mekkaniżmu jidħol fis-seħħ biss jekk ikun hemm iż-żewġ partiti l-kbar fil-parlament, żewġ partiti li hija ma tħaddanx l-ideoloġija tagħhom. Tgħid li hija rrifjutat li toħroġ għall-elezzjoni ġenerali bħala kandidata indipendenti u dan għaliex hija ma tistax tibbenefika mill-mekkaniżmu tal-*co-option* anke kieku kien hemm iktar nies li vvutaw għaliha.

14. Xehed permezz t'affidavit **Victoria Attard Kingswell** fejn qalet li hija għandha interess personali fl-emendi leġislattivi li saru fil-Kostituzzjoni u diversi liġijiet elettorali. Tgħid li din il-liġi hija diskriminatorja fil-konfront tagħha u nisa oħra bħala li m'humiex imsieħba mal-Partit Laburista jew Partit Nazzjonalista għax il-mekkaniżmu tal-*co-option* ma japplikax għaliha u nisa bħala.

15. Xehdet permezz t'affidavit **Dr. Claire Bonello** fejn spjegat li hija ġieli għamlet il-ħsieb tassoċja ruħha ma' partiti li hija kienet tappoġġja (li mhux il-Partit Laburista jew il-Partit Nazzjonalista) u kandidati indipendenti u tikkandida ruħha f'koalizzjoni magħhom. Spjegat li meta sar l-eżerċizzju ta' konsultazzjoni rigward il-mekkaniżmu korrettiv tal-ġeneru, hija kienet għamlet is-sottomissjonijiet tagħha fejn ikkritikat il-fatt li l-mekkaniżmu ma kienx applikabbli għall-partiti li m'humiex il-Partit Laburista u/jew Nazzjonalista (sottomissjonijiet annessi mal-istess affidavit). Tgħid li dan huwa mekkaniżmu diskriminatorju fil-konfront ta' kull kandidat prospettiv li mhux ħa joħroġ għall-elezzjoni mal-imsemmija partiti. Tgħid li dan huwa xkiel għad-dritt ta' assoċjazzjoni ħielsa għax xi ħadd bħalha huwa penalizzat għax ma ingħaqqadx mal-kandidati tal-Partit Laburista jew tal-Partit Nazzjonalista.

16. Ir-rikorrent sejjaħ bħala xhud lill-**Onorevoli Dr Jonathan Attard**[6] li fis-sena 2019 kien inħatar bħala membru fuq il-kumitat bl-isem Kumitat Tekniku għas-Tisħiħ tad-Demokrazija Rappreżentattiva fejn iċ-*chairperson* kienet il-Professur Carmen Sammut. Ix-xhud jgħid li l-kumitat kien ingħata termini fuq liema kellhom jaħdmu. Jgħid li l-involviment tiegħu kien minn l-aspett legali, però kien hemm diversi persuni involuti fil-kumitat. Spjega wkoll li ġew redatti għadd ta' rapporti, fosthom wieħed marbut mal-konsultazzjoni pubblika u ieħor bir-riżultati tal-istess konsultazzjoni. Ta' relevanza partikolari għal dan il-każ huwa dwar jekk ġiex trattat il-pożizzjoni ta' terzi partiti u individwi u għaliex ġie deċiż li l-mekkaniżmu tal-korrezzjoni tal-ġeneru ma jkunx adottat għat-tielet partit jew individwi. L-Onorevoli Dr Attard wieġeb kif isegwi:

> "… issa fuq il-kwistjoni l-ohra tat-tielet partit … illi ta' min jghid li t-tielet partit jista' jkun kwalunkwe partit. Igifieri dana ma ghandniex sitwazzjoni fejn nghidu li X partit u Y definitely ha jibqghu z-zewg partiti. It-tielet partit huwa miftuh ghal kwalunkwe possibilita. Kif gie spjegat fid-dokument ta' konsultazzjoni, u l-posizzjoni jidher li ma nbidlitx anke fi stadju legislattiv meta gie approvat l-abbozz ta' ligi, huwa l-fatt li ghandek sitwazzjoni fejn hawn hekk gie propost u llum huwa approvat mill-Parlament mekkanizmu korrettiv tal-generu, biex insejhulu b'terminu akkademiku b'dan il-mod illi japplika bhala *an add on* tal-mekkanizmu korrettiv tal-maggoranza. ....... kien hemm din il-konsiderazzjoni anke … u deliberazzjoni u diskussjoni fit-tul li fil-kaz il-mekkanizmu korrettiv tal-generu gia la darba huwa *an add on* tal-mekkanizmu korrettiv tal-maggoranza li

[6] Fol. 48 et. seq. tal-proċess

gia kien in place, ma ghandux japplika ghal dik ic-cirkostanza. Mhux ghandu japplika fil-konfront ta' partit X jew partit Y. Ma japplika fil-konfront ta' hadd. Dik kienet il-posizzjoni u dejjem kien car anke l-punt ta' konsultazzjoni pubblika u nahseb meta illi anke wiehed isegwi l-process qatt ma nbidlet dik il-posizzjoni. Jekk kemm il-darba il-legislatur ihoss illi eventwalment ghandu jaghmel xi riforma fil-process elettorali ta' pajjizna, xejn ma jzommu milli dan il-mekkanizmu li kien propost u llum approvat jigi emendat accordingly biex jipprovdi ghal kwalunkwe sitwazzjoni li l-legislatur jipprovdi."[7]

Ix-xhud spjega wkoll li il-mekkaniżmu tal-ġeneru mhux qiegħed hemm biex jagħmel korrezzjoni ta' rappreżentanza tal-voti mas-siġġijiet, imma qiegħed hemm biex ikun hemm rappreżentanza aktar ġusta u ugwali tal-ġeneri fil-Parlament.

Xehdet il-**Professur Carmen Sammut**[8] fejn wara li spjegat min kienu l-membri tal-kumitat imsemmi minn Dr. Jonathan Attard fix-xhieda tagħha, għaddiet biex spjegat kif sar il-proċess ta' konsultazzjoni. Spjegat ukoll li bħala sistema l-għan ma kienx li tinbidel il-mekkaniżmu elettorali korrettiv tal-maġġoranza kif imfassla fl-1987.

17. Il-konvenuti sejħu bħal xhud lil **Dr Austin Bencini,**[9] lettur anzjan fid-Dipartiment tad-Dritt Pubbliku fil-Fakolta' tal-Liġi fl-Universtia ta' Malta inkluż lettur fuq fil-liġi Kostituzzjonali. Beda billi spjega li l-sistema elettorali nostrana hija dik magħrufa bħala *hybrid*. Spjega li Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni li introduċa l-mekkaniżmu tal-ġeneru ma kien qatt intiż li b'xi mod ibiddel jew ivarja jew jinfluwenza r-riżultat politiku. Dan peress li jikwalifika bħala *positive action* da parti tal-iStat, sabiex il-Parlament Malti jiżdied b'numru ta' Membri tal-Parlament bażat fuq il-ġeneru lanqas rappreżemtat. Spjega li din hija emenda soċjali li ma hiex theddida għar-realta' politika stabbilita mill-*Proportional Representation by Single Transferable Vote (**PRSTV**)* u l-mekkaniżmu korrettiv tal-maġġoranza regolat bl-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni. Skond Dr Bencini dak ma setax jiġi b'xi mod mibdul. L-idea wara l-emenda kostituzzjonali tal-mekkaniżmu tal-ġeneru kienet li jitkabbar in-numru ta' membri parlamentari billi tindirizza in-nuqqas ta' membri parlamentari femminili fil-Kamra tar-Rappreżentanti.

"...... u allura l-idea kienet illi l-Parlament tagħna, ..... tiġi mposta mill-Kostituzzjoni illi suppost, għalkemm mhux hekk spiċċajna għamilna, erbgħin

[7] Fol 52 (a tergo) u 53 tal-proċess.
[8] Fol. 58 et. seq. tal-proċess
[9] Fol. 270 et. seq. tal-proċess

fil-mija (40%) tal-Membri tal-Parlament ikunu ta’ the *underrepresented sex*. Allura, yet again, użajna l-istess ħsieb, l-istadji jibqgħu tnejn miżjuda b'waħda. Il-proporzjonal iddetermina l-Membri eletti mill-elettorat, il-*corrective mechanism ensures majority rule if it comes missing* għax jekk le ma tbiddel xejn, meta dak hu finali u stabbilit tidħol fil-kamp soċjali. Mela jekk illum għandna żewġ partiti fil-Parlament naturalment l-idea hija sempliċi illi kwalunkwe metodu li jintuża f'każ illi l-*voting trends* ta' Malta jibqgħu kif kienu minn nineteen sixty six (1966) sal-lum b'żewġ partiti li jiġu eletti mela *you do not disturb* ir-relazzjoni ta’ bejniethom u trid iżżid *on an equal* one siġġu ta’ mara naħa u siġġu ta’ mara naħa oħra. Inċidentalment ma hemm xejn x'iżomm illi l-erbgħin fil-mija (40%) jkunu kollha f'partit wieħed. Għalhekk f'din ma hemm xejn partitiku, jista jkollok partit li mir-riżultati tal-PRSTV u l-*corrective mechanism* żdiedu biżżejjed kandidati anke f’partit wieħed li għandek l-erbgħin fil-mija (40%).”

“..... aħna nafu li the *underrepresented sex* ser tkun tan-nisa jekk tridu tistgħu tagħmluha bil-PRSTV mill-ewwel vot jekk l-eletturi jeleġġu erbgħin fil-mija (40%) tal-Parlament [nisa] mela l-52A m'għandekx bżonnu, assolutament m' għandek bżonnu  xejn. Jekk le mela trid tara jekk hemmx a Multi Party Parliament għax f’Multi Party Parliament inti trid tħalli a Multi Party Parliament ............ jekk ma hemmx and *it is a two party Parliament* allura hemm metodu sempliċi fejn inti tgħid mela biex ma niddisturbax ir-realta’ politika żżid seat u żżid seat ieħor, bi tlieta, erbgħa [partiti] kien hemm chances kbar illi s-setup biex tipproteġi l-maġġoranza tal-majority rule setgħet ġiet disturbata.......... il-*gender balance mechanism* iżżid il-Membri tal-Parlament pero’ b' żewġ metodi”

[...]

“... wieħed hu litteralment taken copy and paste biex ngħid hekk bil-mod li s-siġġijiet jiġu miżjuda biex ikollna *majority rule*, .... taqbad dawk il-kandidati nisa li proverbjalment insejħulhom ‘l-imdendlin’ li jfisser *the sixth unelected candidate*. Inti f’kull distrett jiġu eletti ħamsa (5) u billi l-kwota ovjament tħalli ftit ta’ *remainder* f’kull distrett għandek *at least one candidate* li la huwa eliminat u lanqas elett, ‘imdendel’. Jekk wara l-proċess kollu tal-PRSTV u tal-*corrective mechanism* jitlesta għax dak l-importanti jrid ikun lest, magħluq u ssiġillat u jifdal u għandna bżonn ta' iktar nisa fil-Parlament fil-każ li għandna *the underrepresentative sex* ikunu nisa taqbad minn dawk. Jekk hemm mara” għal bżonn qegħda *unelected* vuol diri ‘l-imdendla’ biex ngħid hekk issir kategorija tagħhom b'lista ta’ nisa taż-żewġ partiti u jiġu eletti.”

Dr Bencini kompla jispjega li sabiex jitħaddem il-mekkaniżmu tal-ġeneru introdott bl-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni issir lista ta' dawk il-kandidati ta' ġeneru lanqas rappreżentat fil-Parlament taż-żewġ partiti fejn issir gradwatorja ta' kull kandidat, persentaġġ tal-kwota tad-distrett tagħhom. Il-voti li jittieħdu in konsiderazzjoni għal dan l-eżerċizzju ma humiex l-unijiet iżda n-numru ta' voti li jkollha dik il-kandidata meta tiġi eliminata.  Dr Bencini kompla jispjega hekk:

> "*It is a bit of an artificial device* pero' huwa mod kif tikkreja gradwatorja. Il-Kumitat ħass u jiena *I tended to agree*, aħjar din is-sistema milli tgħid lill-partiti għażlu lil min tridu. Għaliex? U dan jekk ma jimpurtax huwa fondamentali, ...........il-52A m'għandiex futur jekk mhux ser ikun hemm parteċipazzjoni sħiħa tal-*underrepresented sex*, fil-każ tagħna tan-nisa, fil-proċess politiku. Biex ikollna dan b' xi mod trid tħajjar il-kandidati nisa biex joħorġu għall-elezzjoni. ................... Allura tgħid va bene għandna bżonn ta' tant nisa biex nippruvaw niġu viċin imqar forty percent (40%). Mela l-ewwel naraw jekk hemmx nisa qegħdin *sixth unelected* il-famużi 'mdendlin', jekk ma hemmx issir gradwatorja ta' nisa mhux eletti b'sistema jew oħra u jinħadem persentaġġ sempliċi ta' kull waħda kemm hi viċin bħala persentaġġ għall-kwota distrettwali."

Dr Austin Benċini spjega li Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni ma jaqax taħt il-kategorija PRSTV u ma jistax u lanqas huwa intiż sabiex jiddisturba il-bilanċ politiku b'riżultat ta' elezzjoni ġenerali stabbilit qabel l-istadju li jitħaddem il-mekkaniżmu introdott b'Artikolu 52A intiż unikament sabiex jindirizza in-nuqqas ta' membri nisa fil-Parlament.

> "Mela hekk kif il-PRSTV riżultat jingħalaq jekk fil-Parlament hemm partiti oħrajn mela ovjament you have a Multi Party Parliament beyond the two dik hi r-rieda sovrana tal-elettorat and it is final, ħlief ovvjament għall-majority rule. Ma tiddisturbax il-mod kif l-elettorat iddeċieda li jeleġġi l-kandidati li jirrappreżentaw il-partit. ........ m'għandnix metodu, mhux maħsub metodu fejn minkejja dan il-fatt nippruvaw indaħlu nisa the underrepresented sex li ma jkunux ta' partiti mhux eletti. Mela, biex inkun ċar, jekk partit m'huwiex elett bil-PRSTV ma hemm ebda metodu ieħor skont il-Kostituzzjoni tagħna fejn tista tagħmel repeskaġġ ta' dawk il-kandidati, ma jeżistix la fil-PRSTV u lanqas fil-corrective mechanism [...] li qegħdin nagħmlu f'dan il-mument hu bis-sistema li hemm sal-lum illi *we increase the cohort of women in*

*Parliament* biex dawn flimkien jippruvaw ibiddlu r-realta'. Imma ma hemm l-ebda sistema li tista mit-tarf, mill-*gender balance* teleġġi partiti li ma ġewx eletti minn qabel."

[...]

L-unika kwota li nafu biha li teleġġi kandidat hija l-kwota distrettwali, l-famuża taqbad il-voti validi, tiddividihom bis-siġġijiet li għandhom jiġu eletti plus one u r-riżultat iżżid ieħor. Dak huwa l-uniku metodu li tista' teleġġi lil xi ħadd fil-Parlament permezz ta' kwota. Hemm kwota sussidjarja, fil-kas ta' casual election. Fil-kas ta' casual election jew ta' kandidat li rtira jew Alla ħares qatt imut jinfetaħ il-pakkett tiegħu u jiġi nofs l-pakkett tiegħu jiġi l-kwota. L-oħra tal-gender it is not a proper kwota it is a persentaġġ ta' kwota u magħmula biex tiddentifika dawn in-nisa li għandna bżonn fil-Parlament."

Għal mistoqsija kif tapplika l-mekkaniżmu tal-ġeneru jekk individwu (kemm jekk mara jew kemm jekk raġel) jikkontesta mat-tielet partit u jilħaq il-kwota distrettwali, ix-xhud spjega hekk:

"L-ewwel ħaġa u l-iktar ħaġa mportanti hi li kwalunkwe kandidat ta' kwalunkwe partit għandu d-dritt jew għandha d-dritt li tiġi eletta jekk tilħaq il-kwota. Mela l-PRSTV daħlet f'Malta fin-nineteen twenty one (1921) bl-iskop u għadha sal-lum biex teleġġi l-minoranza. Kull ma għandek bżonn biex ikollok rappreżentant fil-Parlament ta' kandidat li jissieħeb ma' kwalunkwe partit ieħor huwa, qed ngħid ieħor biex ma jkunux it-tnejn kbar, huwa ta' one sixth of the votes in that district [...] l-PRSTV hi proporzjonali. Il-corrective mechanism politiku u l-gender balance m'humiex intiżi li jkunu proporzjonali, imma huma ntiżi biex iżidu [in numru ta' nisa fil-Parlament]."

Ikkunsidrat;

**Mertu Rimanenti wara s-Sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Marzu, 2022**.

18. Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet premessi fuq ċitata jonqos li jiġu kkonsidrati fil-mertu t-talbiet tar-rikorrent fejn essenzjalment qed jitlob li l-Qorti ssib li l-introduzzjoni tal-Artikolu 52A fil-Kostituzzjoni ta' Malta jikser il-jeddijiet fundamentali tiegħu senjatament id-dritt ta' elezzjoni ħielsa sanċit f'Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

li jikkostitwixxi diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu bi ksur ta' Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea; li jikser il-jedd fundamentali tar-rikorrent għal-liberta' ta' għaqda u assoċjazzjoni protett b'Artikolu 42 tal-Kostituzzjonji u b'Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea.

19. **Bħala rimedju qed jitlob lill-Qorti tiddikjara illi Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni u kull referenza għall-istess Artikolu 52A kemm f'Artikolu 61A(2)b u Artikolu 66(2)b tal-Kostituzzjoni kif ukoll fir-Regolamenti 21a, Regolament 23a u Regolament 24 u oħrajn Annessi mat-Tlettax-il Skeda fl-Att Dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali imorru kontra l-Kostituzzjoni u li huma nulli u mingħajr effett**.

20. **Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni** jaqra kif isegwi:

***"(1) Jekk f'elezzjoni ġenerali li tkun ikkontestata minn żewġ partiti politiċi jew aktar u li fiha l-kandidati ta' żewġ partiti biss ikunu eletti jew f'każ ta' riżultat ta' elezzjoni kif provdut fis-subparagrafi (i) u (ii) tal-proviso tas-subartikolu (1) tal-artikolu 52 u fil-każ li n-numru ta' Membri tal-Parlament tas-sess l-inqas rappreżentat, elett bis-saħħa tal-artikolu 52, inkluż dawk il-membri eletti f'elezzjoni każwali skont ir-regolamenti rilevanti, huwa inqas minn erbgħin fil-mija (40%) tal-Membri kollha tal-Parlament, allura n-numru ta' Membri tal-Parlament għandu jiżdied b'mhux aktar minn tnax (12)-il Membru tas-sess l-inqas rappreżentat:***

***Iżda n-numru ta' Membri Parlamentari tas-sess l-inqas rappreżentat elett bis-saħħa tal-artikolu 52 miżjud mal-membri tas-sess l-inqas rappreżentat elett bis-saħħa ta' dan l-artikolu ma għandux jaqbeż l-erbgħin fil-mija (40%) tan-numru totali ta' Membri eletti tal-Parlament li jifforma l-Kamra.***

***Il-kandidati eletti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għandhom ikunu mqassma ugwalment bejn il-partit b'maġġoranza assoluta jew il-partit b'maġġoranza relattiva u l-partit b'minoranza.***

***(2) Dak il-kandidat jew il-kandidati li jagħmlu parti mis-sess l-inqas rappreżentat u li jkunu kandidati tal-partit jew tal-partiti li għandhom jiġu akkreditati bis-siġġijiet addizzjonali, u li jkunu ġew akkreditati mill-Kummissjoni Elettorali fl-aħħar għadd bl-ogħla jew bin-numru ta' voti li jmiss l-aktar għoli mingħajr ma jkunu ġew eletti, irrispettivament mid-distrett fejn***

***jinkiseb dak l-ogħla jew in-numru ta' voti li jmiss l-aktar għoli, għandhom jiġu ddikjarati mill-Kummissjoni Elettorali bħala eletti biex jimlew is-siġġijiet addizzjonali maħluqa mis-subartikolu (1):***

***Iżda f'każ li n-numru ta' kandidati stabbiliti taħt dan l-artikolu ma jintlaħaqx, wara l-applikazzjoni tas-subartikolu preċedenti, għandhom ikunu ddikjarati eletti mill-Kummissjoni Elettorali biex jimlew il-bqija tas-siġġijiet addizzjonali maħluqa minn dan l-artikolu, dawk il-kandidati li jagħmlu parti mis-sess l-inqas rappreżentat, li jkunu kandidati tal-partiti li għandhom jiġu akkreditati bis-siġġijiet addizzjonali u li ġew gradati fuq bażi nazzjonali mill-Kummissjoni Elettorali bl-ogħla jew bin-numru li jmiss l-aktar għoli ta' kwota perċentwali miksuba fuq il-bażi tal-għadd finali tal-vot rispettiv tagħhom, qabel l-eliminazzjoni, b'rabta mal-kwota tad-distrett elettorali kkontestat:***

***Iżda wkoll f'każ li n-numru ta' kandidati stabbiliti taħt dan l-artikolu ma jintlaħaqx kif previst f'dan is-subartikolu, is-siġġijiet li jibqgħu vakanti għandhom jimtlew bl-għażla ta' Membru jew Membri mill-Kamra u dak il-Membru jew Membri għandhom ikunu kwalifikati biex ikunu eletti bħala Membru tal-Kamra kif stabbilit taħt l-artikolu53, ma għandhomx ikunu soġġetti għal ebda skwalifika għas-sħubija fil-Kamra kif provdut taħt l-artikolu 54 u għandhom jappartjenu għas-sess l-inqas rappreżentat."***

**Sfond Storiku**.

21. Huwa fatt li n-numru ta' nisa fil-Parlament Malti dejjem kien wieħed baxx ħafna, għalkemm il-vot lin-nisa ilu li ingħata aktar minn sebgħin sena ilu. Difatti l-ewwel elezzjoni ġenerali li fiha ivvotaw in-nisa f'pajjiżna kienet dik li inżammet fil-25 ta' Ottubru, 1947 fejn fost dawk eletti kien hemm mara waħda biss li eventwalment snin wara ġiet eletta l-ewwel mara bħala President tar-Repubblika[10]. Sas-sena 2017 il-membri parlamentari nisa matul is-snin baqa' bejn 10% u 14%.[11] Malta kienet ikklassifikata fis-sebgħa u għoxrin (27th) post mit-tmienja u għoxrin (28) Stati Membri tal-Unjoni Ewropea fejn tirrigwarda l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-Parlament u fil-mija u ħamsin post (150) mill-Inter-Parliamentary Union. [12]

[10] Il-President Agatha Barbara

[11] *Gender Balance in Parliament Reform - Consultation Document* – 26 ta' Marzu, 2019 : kopja a fol. 67 et. seq. tal-proċess.

[12] *70 Years Since Women First Voted* - Times of Malta - 27 ta' Settembru, 2017 (https://timesofmalta.com/articles/view/70-years-since-women-first-voted.)

22. Fl-isfera internazzjoni kienu diversi l-interventi u inizjattivi fuq firxa ta' snin intiżi sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-oqsma kollha b'mod partikolari fejn jikkonċerna il-komposizzjoni tal-Paralmenti. Hekk per eżempju lura fis-sena 2002 il-**Kummissjoni Venezja (The European Commission for Democracy Through Law)** tal-Kunsill tal-Ewropa adottat Kodiċi imsejjaħ "**Code of Good Conduct in Electoral Matters**"[13] Skond il-*Guidelines and Explanatory Report* abbinat ma' dan il-Kodiċi :

> ***"I. Principles of Europe's electoral heritage***
>
> *The five principles underlying Europe's electoral heritage are universal, equal, free, secret and direct suffrage. Furthermore, elections must be held at regular intervals.*
>
> ***2. Equal suffrage***
>
> *2.5. Equality and parity of the sexes*
>
> *Legal rules requiring a minimum percentage of persons of each gender among candidates should not be considered as contrary to the principle of equal suffrage if they have a constitutional basis."*

23. Il-**Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa** fil-preambolu għar-Rakkomandazzjoni dwar il-parteċipazzjoni bilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa fil-politika u fil-ħajja pubblika adottata fit-12 ta' Marzu, 2003 jipprovdi illi:

> *"...balanced participation of women and men in political and public decision-making is a matter of the full enjoyment of human rights, of social justice and a necessary condition for the better functioning of a democratic society"*

24. L-**Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa** f'Riżoluzjoni numru 1706 adottata fis-27 ta' Jannar, 2010 dwar il-ħtieġa li tiżdied ir-rappreżentanza tan-nista fil-politika tramite s-sistemi elettorali taqra kif ġej:

> *"4. ... Changing the electoral system to one more favourable to women's representation in politics, in particular by adopting gender quotas, can lead to more gender-balanced, and thus more legitimate, political and public decision making.*
>
> *[…]*
>
> *6. The Assembly considers that the lack of equal representation of women and men in political and public decision making is a threat to the legitimacy of democracies and a violation of the basic human right of gender equality, and thus recommends that member states rectify this situation as a priority by:*
>
> *[…]*

[13] CDL-AD (2002) 23 rev.

*6.3. reforming their electoral system to one more favourable to women's representation in parliament:*

*6.3.1. in countries with a proportional representation list system, consider introducing a legal quota which provides not only for a high proportion of female candidates (ideally at least 40%), but also for a strict rank-order rule ..., and effective sanctions (preferably not financial, but rather the non-acceptance of candidacies/candidate lists) for non-compliance...;*

25. Lura għax-xena lokali, permezz ta' Avviż Nru. 38 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-5 ta' Gunju, 2018 is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi ħatret **Kumitat Tekniku għat-Tisħiħ tad-Demokrazija Rappreżentattiva** bl-inkarigu li jipproponi miżuri li jwasslu għal rappreżentazzjoni ugwali tas-sessi fil-Parlament. Il-Kumitat Tekniku ippubblika fis-26 ta' Marzu, 2019 dokument intitolat "Gender Balance in Parliament Reform" fejn ta bidu għall-konsultazzjoni li ġiet fi tmiemha fit-8 ta' Ġunju, 2019. Fit-12 ta' Lulju, 2019 il-Gvern ippubblika r-riżultat tal-konsultazzjoni imsemmija.[14]

26. Tressaq imbagħad abbożż ta' liġi li eventwalment wassal għall-introduzzjoni ta' Artikolu 52A fil-Kostituzzjoni ta' Malta.

27. Skond il-minuti tas-Seduta tal-Parlament tal-14 ta' April, 2021 insibu kif ġej:-

**ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA**
**L-KOSTITUZZJONI TA' MALTA U DIVERSI LIĠIJIET**

***CONSTITUTION OF MALTA AND VARIOUS LAWS (AMENDMENT) BILL***

**"L-ISPEAKER:** Il-Kamra għandha quddiemha t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta u liġijiet oħra sabiex jiżgura ugwaljanza *de facto* bejn in-nisa u l-irġiel fil-politika". Nifhem li hawn qbil biex dan l-item jiġi pospost għall-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol peress li jeħtieġ ikun hawn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra, qabel ma s-Sedja tkun tista' tiddikjara jekk għaddiex jew le u dak il-ħin għandhom jittieħdu numru ta' votazzjonijiet? L-Onor. Robert Cutajar.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Nikkonferma li hawn ftehim f'dan is-sens. L-Oppożizzjoni se tkun qed tagħmel dikjarazzjoni dwar il-vot fis-7.00 p.m.

[...]

[14] Kopja a fol. 84 et. seq. tal-proċess.

**L-ISPEAKER:** Nixtieq niċċara l-proċedura li se tintuża. Skont l-artiklu 66 tal-Kostituzzjoni ta' Malta biex niddikjara vot fuq dan l-Abbozz ta' Liġi irrid naċċerta ruħi li huwa ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-Membri kollha tal-Kamra li qegħdin jivvotaw favur dan l-Abbozz ta' Liġi. Żewġ terzi jfisser 45 Membru. Se nużaw il-proċedura segwita fil-każ meta tintalab votazzjoni, iżda mingħajr ma jingħalqu l-bibien u se nagħti minuta biex il-Membri jagħmlu l-għażla tagħhom b'mod elettroniku.

Peress li dan mhux eżerċizzju ta' *division*, jekk xi Membru jidħol fil-Kamra waqt il-minuta sakemm ma nkunx iddikjarajt il-vot, allura dak il-Membru jkun jista' jivvota. Huwa għalhekk li l-bibien se jibqgħu miftuħin. ................

[...]

**FAVUR"**

28. Tlieta u sittin (63) membru parlamentari ivvutaw favur sabiex Artikolu 52A jidħol fil-Kostituzzjoni u sabiex ikun wieħed mill-"entrenched provisions".

29. Fis-26 ta' Marzu, 2022 inżammet elezzjoni ġenerali fejn wara li ingħaddu l-voti kollha irriżulta li kienu ottjnew il-kwota elettorali kandidati mill-Partit Laburista u mill-Partit Nazzjonalista biss (minn hawn 'il quddiem imsejħa **iż-Żewġ Partiti**). Wara li sar il-proċess korrettiv ai termini tal-Artikolu 52 tal-Kostitizzjoni irriżulta li kienu ġew eletti biss għaxar (10) nisa fil-Parlament li jsarfu fi ftit anqas minn 15% mit-total ta' membri parlamentari. Bħala l-ġeneru lanqas rappreżentat kien imiss li jitħaddem il-mekkaniżmu tal-ġeneru ai termini tal-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni billi żdiedu tnax-il siġġu addizzjonali, sitt deputati nisa lil kull wieħed miż-żewġ partiti sabiex il-persentaġġ ta' nisa membri parlamentarli tela' għal 27.85%.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar il-Mertu.**

**Artikolu 52A ġie miżjud fil-Kostituzzjoni bl-approvazzjoni ta' aktar minn żewġ terzi (2/3) tal-Membri Parlamentari.**

30. **Artikolu 66 tal-Kostituzzjoni** intitolat "Tibdil ta' din il-Kostituzzjoni" kif issa emendat bl-Att XX tal-2021 jipprovdi l-proċedura meħtieġa sabiex isiru emendi jew żidiet fl-artikoli tal-Kostituzzjoni:

> "(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Parlament jista' jibdel kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni u (safejn tagħmel parti

mil-liġi ta’ Malta) kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-Att tal-1964 dwar l-Indipendenza ta’ Malta.

(2) Safejn jibdel –

(a) dan l-artikolu; jew

(b) l-artikolu 1, is-subartikolu (2) tal-artikolu 2, is-subartikolu (1) tal-artikolu 3, is-subartikolu (1) tal-artikolu 5, l-artikolu 6, l-artikoli minn 32 sa 48 (it-tnejn inklużi), l-artikoli 51, 52, 52A, 56, 57, 60, 61 u 64A,is-subartikolu (3) tal-artikolu 65, is-subartikolu (2) tal-artikolu 75, l-artikolu 76 (barra mis-subartikolu (2) tiegħu), l-artikoli 77 u 78, l-artikolu 80, l-artikolu 91, l-artikoli 95, 96, 96A, 97, 98, 99, 100, 101A, 101B, l-artikoli minn 102 sa 110 (it-tnejn inklużi), l-artikoli 113, 114, 115A, 118, 119 jew 120 ta’ din il-Kostituzzjoni; jew

(ċ) l-artikolu 124 ta’ din il-Kostituzzjoni fl-applikazzjoni tiegħu għal xi waħda mid-disposizzjonijiet speċifikatifil-paragrafu (a) jew (b) ta’ dan is-subartikolu,

abbozz għal Att tal-Parlament skont dan l-artikolu ma għandux jiġi mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati kemm-il darba fil-votazzjoni finali dwaru f’dik il-Kamra ma jkollux favur tiegħu l-voti ta’ mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra.

[…]

(5) Safejn jibdel xi waħda mid-disposizzjonijiet ta’ din il-Kostituzzjoni barra minn dawk speċifikati fis-subartikoli (2) u (3) ta’ dan l-artikolu, abbozz għal Att tal-Parlament skont dan l-artikolu ma għandux jiġi mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati kemm-il darba fil-votazzjoni finali dwaru f’dik il-Kamra ma jkollux favur tiegħu l-voti ta’ maġġoranza tal-membri kollha tal-Kamra.

[...]”

31. Bl-Att tal-XX tal-2021 il-Parlament Malti mhux biss introduċa artikolu ġdid fil-Kostituzzjoni sabiex jindirizza in-nuqqas ta’ ugwaljanza fil-ġeneru fost il-membri parlamentari iżda assigura wkoll illi sabiex jiġi emendat, mħassar jew sostitwit dan

l-artikolu kostituzzjonali ġdid kien meħtieġ l-approvazzjoni ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri parlamentari.

32. Minn qari tal-minuti tal-Parlament dwar id-dibattiti li waslu eventwalment għat-tielet qari fejn l-abbożż ta' liġi bl-emendi ġie approvat, il-kummenti tal-membri parlamentari dwar l-abbozz ta' liġi kienu prattikament kollha konsoni dwar il-ħtieġa fl-interess nazzjonali illi n-numru ta' membri parlamentari nisa jiżdied. Għalkemm kien hemm diverġenzi bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra dwar il-possibilita' li jibbenefika wkoll mill-Artikolu 52A it-tielet partit jekk ikollu kandidati tiegħu li jiġu eletti f'elezzjoni ġenerali, il-fehma ġenerali fost il-membri parlamentari kienet li kien wasal iż-żmien ta' intervent leġislattiv sabiex in-numru ta' nisa fil-Parlament jiżdied.

33. Irriżulta wkoll illi filwaqt li Artikolu 52A kien intiż bħala mekkaniżmu temporanju kif in-numru ta' nisa fil-Parlament jiżdied, fl-istess ħin ma jiġi disturbat ir-riżultat elettorali bis-sistema PRSTV. Naturalment dan l-artikolu jirreferi għall-ġeneru lanqas rappreżentat u mhux direttament għall-membri tal-ġeneru femminili; iżda l-ħsieb espress taż-żewġ naħat tal-Kamra tar-Reppreżentanti meta ġie approvat l-abbozz ta' liġi li introduċa Artikolu 52A fil-Kostituzzjoni kien ċar fis-sens illi kkunisdrat in-numru żgħir ħafna ta' nisa li jiġu eletti f'elezzjoni ġenerali, waħda wara l-oħra, kien meħtieġ intervent leġislattiv sabiex jindirizza din ir-realta'.

34. Dan l-artikolu ġdid fil-Kostituzzjoni jaqa' fil-kategorija ta' dawk hekk imsejħa "**sunset clauses**" peress li s-sub inċiż 4 tal-istess Artikolu 52A jipprovdi illi għandu jibqa' fis-seħħ sal-iskadenza tal-perjodu ta' għoxrin (20) sena mid-data li jidħol fis-seħħ, sakemm ma jiġix imħassar jew imdaħħal mill-ġdid bi jew mingħajr modifika permezz ta' Att tal-Parlament skont id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni. Għalhekk, mal-iskadenza ta' għoxrin sena mid-data li fiha daħal fis-seħħ jitlef l-effettivita' kollha tiegħu; sakemm il-Parlament ma jiddeċidiex mod ieħor.

**Allegat Leżjoni tad-Dritt tar-Rikorrent għal Elezzjonijiet Ħielsa - Artikolu 3, l-Ewwel Protokoll, Konvenzjoni Ewropea**.

**Ilment tar-Rikorrent bħala Votant**.

35. Dwar l-ilment tiegħu bħala votant msejjes fuq Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea li jipprovdi dwar il-jedd għall-elezzjonijiet ħielsa, r-rikorrent jispjega illi bħala votant fl-elezzjonijiet ġenerali f'pajjiżna huwa għandu l-intenzjoni

ċara illi jivvota għal dawk il-kandidati li ma humiex membri taż-żewġ partiti. Jilmenta illi l-vot tiegħu għall-kandidati nisa li ma humiex membri taż-żewġ partiti "ma jgħoddx u ser jiġi skartat" peress li l-mekkaniżmu kontemplat fl-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni ma japplikax għalihom. Jilmenta illi kwalunkwe kandidat tas-sess femminili li mhuwiex membru taż-żewġ partiti mhux ser tibbenefika mit-tħaddim ta' dan il-mekkaniżmu "indipendentement minn kemm ikun ġab voti". Bir-riżultat illi anke jekk dawn il-kandidati nisa jkunu ġabu aktar voti, jirriżulta skond ir-rikorrent f'sitwazzjoni fejn l-għażla ħielsa tan-nies li vvotaw għalihom u li jridu jivvutaw għalihom ser tiġi mxejna u nnewtralizzata għal kollox. Jirreferi r-rikorrenti għal dak li ġara fl-aħħar elezzjoni ġenerali fejn tħaddem għall-ewwel darba Artikolu 52A fejn kandidata tal-Partit Laburista Davina Sammut la kienet eletta bil-PRSTV u lanqas f'elezzjoni każwali, ġabet inqas voti mill-kandidati tal-partit ADPD Sandra Gauci u Melissa Bagley; iżda xorta saret membru parlamentari bit-tħaddim tal-Artikolu 52A. Jiddeskrivi dak li seħħ bħala "distorzjoni totali tar-rieda tal-votanti".

36. Jilmenta wkoll illi l-mekkaniżmu regolat bl-Artikolu 52A lanqas jirrifletti r-rieda tal-votanti peress illi l-membri parlamentari nisa li jiġu miżjuda permezz tal-mekkaniżmu tal-ġeneru ma humiex apporzjonati skond in-numru ta' voti li jkunu ġabu l-kandidati tal-partiti eletti fil-Parlament, peress li l-mekkaniżmu jaħdem b'tali mod li ż-żewġ partiti jiżdiedu bl-istess ammont ta' deputati nisa indipendentement minn kemm il-partiti jkunu ottjenew voti komplessivament. Mod ieħor, ir-rikorrent jilmenta illi l-mekkaniżmu tal-ġeneru iwassal għal numru ta' deputati li ma jirriflettiex il-persentaġġ ta' voti li kull partit miż-żewġ partiti jkun ġab fl-elezzjoni ġenerali.

**Sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat**.

37. Dwar l-ilment tar-rikorrent qua votant l-intimat Avukat tal-Istat jissottometti illi l-interess ġuridiku tar-rikorrent huwa ċirkoskritt bl-oneru li juri illi Artikolu 52A qed jiksirlu l-jedd tiegħu biex il-vot tiegħu personali jiġi rappreżentat u mhux interess ġuridiku *in vacuo* daqslikieku qed jirrappreżenta l-interess ta' kull votant. Jgħid illi ġialadarba r-rikorrent naqas li b'xi mod juri li huwa vvota għal dawk il-kandidati nisa li semma fix-xhieda tiegħu li ma ġewx eletti bil-mekkaniżmu tal-ġeneru, ma jistax jilmenta li huwa d-dritt tiegħu li ġie leż meta dawn ma ġewx eletti. Jissottometti illi l-argument tar-rikorrent li bit-tħaddim tal-Artikolu 52A qed jagħti lok li mhux kull vot għandu piż ugwali huwa argument fallaċi in kwantu f'kull sistema elettorali mhux

kull vot għandu piż uġwali jew simili.  Jgħid li huwa impossibbli li kull vot ikollu piż ugwali fir-riżultat finali.  Dan ma jnaqqas xejn milli elezzjoni tkun "fair and free".

38. L-intimat jissottolinea illi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (QEDB) tħalli marġini ta' apprezzament wiesa lill-Istati sabiex jagħżlu s-sistema elettorali tagħhom u li jagħmlu l-limitazzjonijiet fuq id-drittijiet misjuba f'dan l-artikolu, liema drittijiet m'humiex assoluti.  Jieħu spunt mis-sistema elettorali fl-Irlanda li wkoll tħaddem l-PRSTV fejn permezz tagħha jiġu eletti gruppi minoranzi u l-Parlament Irlandiż qatt ma ġie polarizzat b'żewġ partiti kif inhi s-sitwazzjoni hawn Malta.  Jgħid li dan huwa turija li mhiex is-sistema elettorali Maltija li tiskoraġġixxi l-elezzjoni ta' kandidati ta' partiti oħra barra ż-żewġ partiti iżda l-istorja kurrenti ta' pajjiżna.

39. Jissottometti illi Artikolu 52A kien maħsub u mfassal sabiex ikompli mal-Artikolu 52 li mhux qed jiġi attakkat f'dawn il-proċeduri. "Difatti, l-artikolu 52 kien maħsub sabiex ma jinpinġix fuq l-għażla tal-elettorat, li jkun liberu li jagħżel kandidati minn kemm-il partit irid, bil-possibilita' ta' kandidat minn tliet partiti jew iżjed jiġu eletti fil-Parlament."  Artikolu 52 huwa mekkaniżmu intiż sabiex jirrifletti l-vera rieda tal-poplu u cioe' sabiex jigverna l-partit bl-iżjed voti.  Ikompli jelabora illi "Bl-istess mod, l-eżerċizzju tal-mekkaniżmu tal-ġeneru wkoll jidħol fis-seħħ wara illi l-elettorat ikun, b'mod ħieles u liberu, għażel liema kandidati jrid jeleġġi fil-Parlament u ma jinpinġix fuq din l-għażla, din id-darba minflok għall-iskop ta' possibilita' ta' governanza, għall-iskop ta' rappreżentanza ġusta ta' sessi fil-Parlament."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

40. **Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea:  Dritt ta' Elezzjonijiet Ħielsa.**

> Il-Partijiet Għolja Kontraenti jobbligaw ruħhom li jżommu elezzjonijiet liberi f'intervalli xierqa b'votazzjoni sigrieta, taħt kundizzjonijiet li jiżguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġislatura.

41. **Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll jinkorpora u jagħti effett għall-wieħed mill-karatteristiċi prinċipali f'pajjiż demokratiku li għandu jiggarantixxi elezzjonijiet liberi u ħielsa.  Elezzjonijiet ħielsa huma tista' tgħid il-pedament ewlieni li fuqu**

**jinbena dak kollu li jagħmel pajjiż demokratiku. Mingħajr elezzjonijiet ħielsa li permezz tagħhom tiġi determinata l-komposizzjoni tad-driegħ leġislattiv ta' stat, iwassal għal stat difettuż b'konsegwenzi serji għad-demokarzija. Jinkombi fuq l-iStat li jiggarantixxi l-pluraliżmu fl-eleżżjonijiet għal-leġislatura billi jadotta miżuri pożittivi sabiex jorganizza elezzjoni liberi taħt kondizzjonijiet li jassiguraw l-attwazzjoni tal-espressjoni libera taċ-ċittadini fl-għażla tal-Kamra tar-Rappreżentanti tagħhom.**

42. Il-ġurisprudenza tal-QEDB tirreferi għad-dritt tal-vot bħala "l-aspett attiv" ta' Artikolu 3 u għad-dritt li tkun kandidat bħala "l-aspett passiv" tal-istess artikolu . Fil-seklu wieħed u għoxrin il-preżunzjoni f'pajjiż demokratiku trid tkun favur l-inklużżjoni. (**William A. Schabas - The European Convention on Human Rights**)[15]. "Universal suffrage has become the basic principle" (**HIRST v. the United Kingdom** - QEDB - 8 ta' Lulju, 2003).[16]

43. Opportun inħarsu lejn kif il-**Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB)** interpretat dan il-jedd konvenzjonali fl-ewwel sentenza tagħha dwar dan l-artikolu fl-ismijiet **Mathieu-Molin and Clerfayt v. il-Belġju[17]** fejn ikkonsidrat illi dan il-jedd għal elezzjonijiet ħielsa jinkludi l-jedd li tivvota (*universal suffrage*) u l-jedd li toħroġ għall-elezzjoni bħala kandidat:

> 46. Since the Court is being asked to determine complaints under Article 3 of Protocol No. 1 for the first time, it deems it necessary to indicate the meaning it ascribes to that Article in the context of the instant case.
>
> 47. According to the Preamble to the Convention, fundamental human rights and freedoms are best maintained by "an effective political democracy". Since it enshrines a characteristic principle of democracy, Article 3 of Protocol No. 1 is accordingly of prime importance in the Convention system.
>
> […]
>
> 50. ……………… the inter-State colouring of the wording of Article 3 does not reflect any difference of substance from the other substantive clauses in the Convention and Protocols. The reason for it would seem to lie rather in the desire to give greater

[15] L-ewwel ediz.- (2017) paġ. 1026
[16] Nru. 74025/01
[17] Nru. 9267/1981 - 2 ta' Marzu 1987

solemnity to the commitment undertaken and in the fact that the primary obligation in the field concerned is not one of abstention or non-interference, as with the majority of the civil and political rights, but one of adoption by the State of positive measures to "hold" democratic elections

51. As to the nature of the rights thus enshrined in Article 3, the view taken by the Commission has evolved. From the idea of an "institutional" right to the holding of free elections (decision of 18 September 1961 on the admissibility of application no. 1028/61, X v. Belgium, Yearbook of the Convention, vol. 4, p. 338) the Commission has moved to the concept of "universal suffrage" (see particularly the decision of 6 October 1967 on the admissibility of application no. 2728/66, X v. the Federal Republic of Germany, op. cit., vol. 10, p. 338) and then, as a consequence, to the concept of subjective rights of participation – the "right to vote" and the "right to stand for election to the legislature" (see in particular the decision of 30 May 1975 on the admissibility of applications nos. 6745-6746/76, W, X, Y and Z v. Belgium, op. cit., vol. 18, p. 244). The Court approves this latter concept.

44. Pero', filwaqt li Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll jinkludi l-prinċipju tat-trattament ugwali liċ-ċittadini kollha fl-eżerċizzju tad-dritt tagħhom li jivvutaw, ma hux korollarju ta' dan il-jedd li l-voti kollha mitfugħa f'elezzjoni neċessarjament iġorru l-istess piż fuq ir-riżultat elettorali finali. Dan għaliex l-ebda sistema elettorali ma tista' qatt telimina għal kollox dawk 'l hekk imsejħa "voti moħlija". Tali realta' ġiet rikonoxxuta mill-QEDB fis-sentenza tagħha fuq ċitata[18]:

54. As regards the method of appointing the "legislature", Article 3 (P1- 3) provides only for "free" elections "at reasonable intervals", "by secret ballot" and "under conditions which will ensure the free expression of the opinion of the people". Subject to that, it does not create any "obligation to introduce a specific system" ("Travaux Préparatoires", vol. VII, pp. 130, 202 and 210, and vol. VIII, p. 14) such as proportional representation or majority voting with one or two ballots.

Here too the Court recognises that the Contracting States have a wide margin of appreciation, given that their legislation on the matter varies from place to place and from time to time.

Electoral systems seek to fulfil objectives which are sometimes scarcely compatible with each other: on the one hand, to reflect fairly faithfully the opinions of the people, and on the other, to channel currents of thought so as to promote the emergence of a sufficiently clear and coherent political will. In these circumstances

[18] Ara wkoll **Yumak and Sadak v. Turkey**, § 110, mogħtija mill-QEDB fit-8 ta' Lulju 2008.

> the phrase "conditions which will ensure the free expression of the opinion of the people in the choice of the legislature" implies essentially - apart from freedom of expression (already protected under Article 10 of the Convention) (art. 10) - the principle of equality of treatment of all citizens in the exercise of their right to vote and their right to stand for election.
>
> It does not follow, however, that all votes must necessarily have equal weight as regards the outcome of the election or that all candidates must have equal chances of victory.
>
> Thus no electoral system can eliminate "wasted votes". For the purposes of Article 3 of Protocol No. 1 (P1-3), any electoral system must be assessed in the light of the political evolution of the country concerned; features that would be unacceptable in the context of one system may accordingly be justified in the context of another, at least so long as the chosen system provides for conditions which will ensure the "free expression of the opinion of the people in the choice of the legislature"

45. Bħal ħafna mid-drittijiet fundamentali sanċiti fil-Konvenzjoni Ewropea, tali dritt ma hux assolut. Fid-deċiżżjonijiet tagħha li jirrigwardjaw id-dritt fundamentali għal elezzjonijeit liberi, l-QEDB tagħti piż lis-sensitivita' politika għolja dwar dak kollu li jikkonċerna it-twaqqif u t-tħaddim ta' sistemi elettorali. Skond l-awturi **Harris, O'Boyle and Warbick** fil-pubblikazzjoni tagħhom "**Law of the European Convention on Human Rights**"[19] huwa għalhekk li l-QEDB tqis li f'dan ir-rigward l-Istati għandhom marġini wiesgħa ta' apprezzament:

> "Understandably the Court is conscious of the heightened political sensitivity of questions surrounding the design and implementation of electoral systems. It therefore affords the states a wide margin of appreciation within which to manage their electoral affairs. This grants states latitude to fashion an electoral system reflecting their distinctive constitutional traditions.......The Court has consistently declined to read Article 3 as imposing any requirement that a state adopt a particular type of electoral system. It does not guarantee an entitlement to a system of proportional representation; nor does it import a principle of equally weighted votes in Convention Law. This is because 'there are numerous ways of organising and running electoral systems and a wealth of differences, inter alia, in historical development, cultural diversity and political thought within Europe which it is for each Contracting State to mould into their own democratic vistion'.

[19] It-tieled ediz. (2014), paġ. 914

46. L-eżami li trid tagħmel il-qorti meta qed titratta ilment msejjes fuq Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni huwa essenzjalment li tara jekk is-sistema elettorali tipprovdiex mekkaniżmu san u b'saħħtu konduċenti għall-espressjoni ħielsa tal-elettorat fl-għażla tal-Leġislatura. Il-QEDB fl-interpretazzjoni ta' Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll applikat, kif għamlet fir-rigward ta' provvedimenti oħra tal-Konvenzjoni, it-teorija hekk imsejħa ta' Limitazzjonijiet Impliċiti ('implied limitation') (**Karimov v. Azerbaijan** - QEDB - 25 ta' Settembru, 2014[20]); għalkemm dan l-artikolu ma jipprovdix espressament għal tali limitazzjoni. Meta l-Qorti Ewropea titratta Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tiffoka primarjament fuq żewġ fatturi: "whether there has been arbitrariness or lack of proportionality, and whether the restriction has interfered with the free expression of the opinion of the people" (**Zdanoka v. Latvia** - QEDB - 16 ta' Marzu, 2006[21]).

47. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ma tarax kif qua votant il-jedd tar-rikorrent li jivvota f'elezzjonijiet ħielsa għal-leġislatura qed jiġi mittiefes. L-ilment tar-rikorrent ma hux li mhux qed jitħalla jivvota. Jgħid li l-vot tiegħu għal kandidati nisa li ma humiex kandidati maż-żewġ partiti "ma jgħoddx u ser jiġi skartat" peress li l-mekkaniżmu kontemplat fl-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni ma japplikax għalihom.

48. Il-mekkaniżmu tal-ġeneru provdut fl-Artikolu 52A jiskatta biss wara l-istadju tal-għadd tal-voti skond il-PRSTV u wara l-istadju tal-mekkaniżmu korrettiv tal-maġġoranza li jiskatta biss jekk jiġu eletti biss kandidati miż-żewġ partiti. Appena jiġi elett kandidat li mhux kandidat ma' wieħed miż-żewġ partiti, l-mekkaniżmu korrettiv ma jiskattax. Ir-rikorrent ma qed iressaq l-ebda ilment dwar il-mekkaniżmu korrettiv tal-maġġoranza kontemplat f'Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni. Huwa biss meta jiskatta t-tħaddim tal-mekkaniżmu tal-ġeneru ai termini tal-Artikolu 52A li r-rikorrent qua votant iqis illi l-jedd fundamentali tiegħu għal elezzjoni ħielsa qed jiġi mkasbar.

49. Il-Qorti tqis illi r-rikorrent ma rnexxilux juri illi bit-tħaddim ta' Artikolu 52A il-jedd tiegħu qua votant għal elezzjoni libera fit-termini tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni qed jiġi leż. Bil-fatt li r-rikorrent jivvota għall-kandidati li ma jibbenefikawx mill-mekkaniżmu tal-ġeneru taħt Artikolu 52A peress li ma humiex kandidati ta' wieħed miż-żewġ partiti ma jrendix il-vot tiegħu bħala li "ma jgħoddx u ser jiġi skartat" kif jallega. Il-qofol tas-sistema elettorali f'pajjiżna kienet u baqgħet, nonostante d-diversi emendi leġislativi li saru, dik tal-PRSTV miżjud magħha l-mekkaniżmu

[20] (no. 12535/06, § 34)
[21] No. 58278/00, § 115, ECHR 2006-IV

korrettiv tal-maġġoranza u issa l-mekkaniżmu tal-ġeneru. Jidher illi r-rikorrent jaċċetta illi sat-tmiem tal-istadju tal-għadd tal-voti bis-sistema PRSTV il-jedd tiegħu għal elezzjoni libera ma hux mittiefes. Jidher ukoll illi r-rikorrent jaċċetta illi sat-tmiem l-istadju li fih jitħaddem il-mekkaniżmu korrettiv tal-maġġoranza ukoll il-jedd tiegħu għal elezzjoni libera ma hux mittiefes.

50. **Ir-rikorrent la jallega u wisq anqas wera li l-vot tiegħu lill-kandidati li ma humiex membri taż-żewġ partiti ma jistax jwassal sabiex jeleġġi kandidat fil-Parlament bis-sistema PRSTV.** Kien ikun ġustifikat l-ilment tar-rikorrent kieku irriżulta, bħalma rriżulta fil-każ **BAKIRZDI AND E.C. v. Ungerija**[22] deċiż mill-QEDB fl-10 ta' Novembru, 2022, illi s-sistema elettorali kienet statutorjament torbot lil membri ta' minoranza li jivvotaw **biss** għall-kandidati ta' dik il-minoranza u mhux għal kandidati oħra bil-konsegwenza illi minħabba n-numru relattivament żgħir tagħhom ma setgħu qatt jilħqu il-kwota nazzjonali fl-elezzjoni ġenerali. Kellha dan xi tgħid il-QEDB fir-rigward:

> 60. […] the applicants also submitted that voting for the minority lists deprived them of the opportunity to cast a meaningful ballot. They pointed out that free elections necessarily implied a free choice for voters.
> 61. The Court notes that in practice, as a consequence of being registered as national minority voters, the applicants could only vote for their respective national minority lists as a whole or abstain from voting for the national minority list altogether. Thus, they had neither the choice between different party lists nor any influence on the order in which candidates were elected from the national minority lists.
> 62. The Court reiterates that closed lists in themselves cannot be considered to unduly restrict the political opportunity of voters. Indeed, even if closed lists tend to limit the field of candidates from which voters might choose, they still allow them to distribute their vote between the different party lists corresponding to their political preferences.
> 63. However, in approaching the closed national minority lists in the present case, the Court finds it essential to examine the extent and nature of their impact on the applicants' voting rights. It also considers that the right to vote encompasses the opportunity for voters to choose candidates or party lists which best reflect their political views, and election regulations should not require voters to espouse political positions that they do not support.
> 64. From this perspective, the fact that national minority voters could only cast their votes for candidates fixed on the national minority list, irrespective

[22] App. 49636/14 u 65678/14

of their political viewpoint, distinguishes the present situation from electoral systems with closed lists.

65. In practical terms, while the system set up for national minority voters did not pressure the applicants in the choice of one or more candidates, it did not allow them to genuinely reflect their will as electors, or to cast their ballot in the promotion of political ideas and programmes of political action, or to associate for political purposes through the vote. In other words, the applicants, as national minority voters, could not express their political views or choice at the ballot box, but only the fact that they sought representation in political decision-making as members of a national minority group.

66. The Court has doubts that a system in which a vote may be cast only for a specific closed list of candidates, and which requires voters to abandon their party affiliations in order to have representation as a member of a minority ensures "the free expression of the opinion of the people in the choice of the legislature".

51. Il-vot tar-rikorrent jiswa daqs il-vot tal-votanti l-oħra kollha u bħalhom jista' jwassal sabiex jeleġġi kandidat li ma hux kandidat ta' wieħed miż-żewġ partiti u bħalhom jista' jispiċċa bħala "vot moħli". Huwa minnu li r-rikorrent jilmenta li l-kandidati nisa li jivvota għalihom u li ma humiex membri ta' wieħed miż-żewġ partiti ma jistgħux jibbenefikaw mill-mekkaniżmu tal-ġeneru; pero' daqstant ieħor ma hux realistikament mistenni li jibbenefikaw mill-mekkaniżmu korrettiv tal-maġġoranza. B'daqshekk ma jwassalx, kif jilmenta r-rikorrent, li Artikolu 52A ħoloq mekkaniżmu li jirrendi l-elezzjonijiet ġenerali ta' pajjiżna bħala elezzjonijiet mhux liberi fit-termini ta' Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll.

52. **Meta l-Qorti qed tiġi mitluba sabiex tiddeċiedi dwar ilment ta' allegat ksur tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll ma tistax tikkonsidra l-mekkaniżmu tal-ġeneru f'iżolament bħal donnu fil-proċess elettorali ma hemm l-ebda stadju jew stadji li jippreċeduh. Għar-rikorrent bħal donnu l-bidu u t-tmiem tal-konsiderazzjoni dwar jekk ir-rikorrent għandux il-jedd tiegħu qua votant għall-elezzjoni ħielsa miksur jibda u jispiċċa mal-istadju tal-mekkaniżmu tal-ġeneru. Dan fil-fehma konsiderata tal-Qorti huwa argument li ma jsibx fondament la f'Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u lanqas fil-ġurisprudenza tal-QEDB.**

53. Din il-Qorti hi tal-fehma illi l-jedd fundamentali tar-rikorrent qua votant protett bl-Artikolu 3 ma hux li jiġi assigurat lir-rikorrent illi l-kandidati nisa li għalihom jivvota li ma humiex kandidati ma' wieħed miż-żewġ partiti jibbenefikaw ukoll mill-mekkaniżmu tal-ġeneru iżda li fl-ewwel lok li jitħalla fil-liberta' sħiħa li jħaddem bl-

aktar mod liberu l-jedd tiegħu li jivvota u fit-tieni lok li l-vot tiegħu għandu l-potenzjal, bħal voti tal-votanti l-oħra kollha, li flimkien ma' voti oħra jeleġġu fil-Parlament il-kandidat preferut tagħhom.

54. Fil-fehma tal-Qorti l-mekkaniżmu tal-ġeneru ai termini tal-Artikolu 52A ma jiksirx il-jedd tar-rikorrent qua votant għaliex il-jedd fundamentali tar-rikorrent qua votant jsib il-milja tiegħu meta jeżerċita d-dritt tiegħu li jmur jivvota għal-liema kandidat irid sew jekk kandidat ma' wieħed miż-żewġ partiti, sew jekk le. Il-pretensjoni tar-rikorrent illi jekk il-kandidat li għalih jivvota a priori ma jistax jibbeneifika mill-mekkaniżmu tal-ġeneru ma jnaqqas xejn mill-jedd tar-rikorrent għall-vot kif protett mill-Konvenzjoni.

55. **Is-sistema elettorali tal-PRSTV tagħti valur miżjud lil vot ta' kull votant inkluż ir-rikorrent għaliex kull kandidat mingħajr ebda distinzjoni, jista' jiret il-voti mingħand kandidati oħra li jiġu eliminati, irrispettivament ma' liema partit ikunu ħarġu. Dan huwa l-valur intrinsiku tas-sistema PRSTV li hija msejsa fuq il-kandidat u mhux fuq il-partit; li mbagħad hija msaħħa u sorretta bil-mekkaniżmu korrettiv tal-maġġoranza.**

56. Kif tajjeb jispjega **Dr. Austin Bencini** fil-ktieb tiegħu "**Malta's Hybrid Electoral System – A Constitutional Review**"[23]:

> "With the introduction of the corrective mechanism the Maltese electoral system transformed itself into a switch-on/switch-off alternate current system in which electors, when voting to elect the 65 MP's, switch on the PRSTV current which in turn is switched off on the election of 65 MP's. This in turn allows for the switching on of the corrective mechanism to change the composition of the House of Representatives to align the difference in the seats between the majority party and the minority parties to the difference in first preference votes.
>
> […]
>
> Until the PRSTV light is still on, the only light visible to the Electoral Commission is that of the legitimate right of individual candidates to obtain the quota to get elected. For the purposes of PRSTV, the political ticket on which the individual candidates wishes to ride is constitutionally and legally

[23] Tieni Ediz. (2022) paġ.237

irrelevant. Equally irrelevant at this stage would be whether the margins of votes to seats at the national leval is skewed or not. At the PRSTV stage the only margins which matter are the element of transference of surplas votes in terms of a rigid mathematical calculation to ensure that the number of MP's for that district are elected and no other.

A final but far from secondary consideration on the alternate nature of the two electoral mechanisms needs to be made. The corrective mechanism is not ncessarily a given of a general election. It is an emergency light which comes on only in those elections which require it not to plunge into constitutional and electoral darkness as a result of a perverse result."

57. **Ladarba s-sistema elettorali sal-istadju PRSTV tikwalifika bħala elezzjoni ħielsa fit-termini ta' Artikolu 3, bil-fatt li anke f'tali sistema huwa inevitabbli li jirriżultaw "voti moħlija", b'daqshekk ma jsegwix li l-votanti li l-vot tagħhom kien "moħli" saru vittima ta' elezzjoni li ma hiex libera. Daqstant ieħor, bil-fatt li fl-istadju tat-tħaddim tal-mekkaniżmu tal-ġeneru il-vot tar-rikorrent, li sew qabel l-introduzzjoni tal-Artiklu 52A kif ukoll wara, kien u għadu liberu li jmur jivvota mingħajr ebda xkiel u li jivvota lil min irid bil-liberta' kollha garantita mill-Kostituzzjoni, u minħabba l-mod kif jgħid li jivvota jwassal sabiex il-vot tiegħu ma jkollu l-ebda piż fl-għażla taż-żieda ta' tnax il-kandidat mara taż-żewġ partiti sabiex tiġi indirizzata l-problema tan-nuqqas ta' nisa fil-Parlament, ma jirrendux lir-rikorrent vittima ta' elezzjonijiet mhux ħielsa fit-termini tal-Konvenzjoni Ewropea kif jallega. Id-dritt tar-rikorrent qua votant li jivvota f'elezzjoni libera protett bl-Artikolu 3 baqa' bla mittiefes.**

58. **Għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrent safejn msejsa fuq il-jedd tiegħu bħala votant sanċit bl-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni qed jiġu respinti**.

**L-Ilment tar-Rikorrent bħala Kandidat li Jixtieq Jissieħeb ma' Persuni Oħra biex jikkontestaw flimkien Elezzjoni Ġenerali.**

59. Ir-rikorrent jilmenta wkoll illi l-mekkaniżmu tal-ġeneru jiksirlu d-dritt fundamentali tiegħu għal-liberta' ta' assoċjazzjoni. Dan għaliex skond ir-rikorrent il-mekkaniżmu tal-ġeneru jiżvantaġġja lil dawk il-kandidati nisa li ma jikkontestawx ma' wieħed miż-żewġ partiti bil-konsegwenza li jaqtgħu qalbhom u ma jikkontestawx flimkien mar-

rikorrent. Dan skond ir-rikorrent huwa leżiv tal-dritt fundamentali tiegħu għal-liberta' ta' assoċjazzjoni ma' ħaddieħor.

60. Jilmenta illi l-mekkaniżmu introdott bl-Artikolu 52A ma jirriżultax fil-promozzjoni tal-kandidati nisa kollha; iżda biss fil-promozzjoni tal-kandidati nisa li huma mseħbin maż-żewġ partiti bil-konsegwenza illi mara kandidata ma' wieħed miż-żewġ partiti kapaċi titla fil-Parlament b'anqas voti milli tkun ġabet mara kandidata li talvolta tkun ħarġet għall-elezzjoni flimkien mar-rikorrent.

61. Ir-rikorrent ressaq bħala xhieda lil Victoria Attard Kingswell u lil Dr. Clare Azzopardi Lane li t-tnejn xehdu illi żammew lura milli jikkandidaw ruħhom bħala kandidati indipendenti f'alleanza ma' kandidati indipendenti oħra proprju minħabba li l-mekkaniżmu tal-ġeneru kif mħaddem skond Artikolu 52A ma kienx ser japplika għalihom. Għalhekk ir-rikorrent jsostni illi b'din is-sitwazzjoni miġjuba bl-introduzzjoni tal-mekkaniżmu tal-ġeneru qed jiġi leż il-jedd fundamentali tiegħu ta' assoċjazzjoni għaliex nisa qed iżommu lura milli jikkandidaw ruħhom miegħu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

62. Fl-ilment tiegħu li bil-mekkaniżmu tal-ġeneru qed jinkiser il-jedd fundamentali tiegħu ta' assoċjazzjoni, ir-rikorrent qed jinvoka Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea.

63. **Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni: Protezzjoni ta' Liberta' ta' Għaqda u Assoċjazzjoni**.

(1) Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew bħala dixxiplina tal-ġenituri ħadd ma għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-libertà tiegħu ta' għaqda u assoċjazzjoni paċifika, jiġifieri, id-dritt tiegħu li jingħaqad paċifikament u liberament u jassoċja ma' persuni oħra u b'mod partikolari li jifforma jew jappartjeni lil trade union jew unions jew assoċjazzjonijiet oħra għall-protezzjoni tal-interessi tiegħu.

(2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn dik il-liġi tagħmel provvediment-

(a) li jkun meħtieg raġonevolment –

(i) fl-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubbliku, moralità jew deċenza pubblika, jew saħħa pubblika; jew

(ii) sabiex jiġu protetti d-drittijiet jew libertajiet ta'persuni oħra; jew

(3) li jimponi restrizzjonijiet fuq uffiċjali pubbliċi,

u ħlief safejn dak il-provvediment jew, skont il-każ, il-ħaġa magħmula skont l-awtorità tiegħu hija murija li ma tkunx ġustifikabbli raġonevolment f'soċjetà demokratika.

64. **Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea: Protezzjoni ta' Dritt għal-Liberta' ta' Għaqda u għal-Liberta' ta' Assoċjazzjoni.**

(4) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika u għal-libertà ta' assoċjazzjoni ma' oħrajn, inkluż id-dritt li wieħed jifforma u jidħol fi trade unions għall-protezzjoni tal-interessitiegħu.

(5) Ma għandu jkun hemm ebda restrizzjonijiet fuq l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet ħlief dawk li jkunu preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali jew tas-sigurtà pubblika, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor. Dan l-Artikolu ma għandux jimpedixxi l-imposizzjoni ta' restrizzjonijiet skont il-liġi fuq l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet minn membri tal-Forzi Armati, tal-Pulizija jew tal-amministrazzjoni tal-Istat.

65. Il-jedd fundamentali ta' għaqda u assoċjazzjoni ma' ħaddieħor protett bl-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni imur id f'id mal-jedd fundamentali tal-liberta' ta' espressjoni. Fil-kummenti tiegħu dwar Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni, il-**Professur Tonio Borg** jagħti l-fehma illi "They protect the right to express an opinion not privately but publicly along with others; either through public manifestations and activities or else by joining together in an association of like-minded people sharing a common interest or idea".[24]

---

[24] **A Commentary on the Constitution of Malta** - l-ewwel ediz. (2016) - paġ. 202.

66. Artikolu 11 tal-Konvenzjoni kif rajna għandu żewġ paragrafi. Ta' l-ewwel jiddelinea iż-żewġ drittijiet hemm kontemplati ie. id-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika u d-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni ma' oħrajn; u tat-tieni jistipula ir-restrizzjonijiet u l-limitazzjonijiet permissibbli għal dawn l-istess drittijiet li skond il-ġurisprudenza tal-QEDB għandhom jingħataw interpretazzjoni restrittiva. Għalhekk fl-eżami ta' dan l-ilment tar-rikorrent jeħtieġ qabel xejn li jiġi kkunsidrat jekk hux minnu li l-mekkaniżmu tal-ġeneru qed jikser il-jedd ta' assoċjazzjoni tar-rikorrent. Huwa biss jekk jiġi stabbilit restrizzjoni ta' dan id-dritt fundamentali li l-Qorti tgħaddi sabiex tevalwa jekk tali restrizzjoni hiex permissibbli ai termini tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni.

67. In tema legali ssir referenza għad-deċiżżjoni **INTERNATIONALE HUMANITÄRE HILFSORGANISATION E. V. v. GERMANY**[25] mogħtija mill-QEDB fl-10 ta' Ottubru, 2023 dwar ilment ta' ksur tal-jedd konvenzjonali ta' assoċjazzjoni imressaq minn għaqda li ġiet xolta mill-awtoritajiet Tedeski peress li nstab li kienet qed tiffinanzja għaqda (Islamic Society) li kienet parti mill-grupp terroristiku Hamas ġewwa Gaza, kellha dan xi tgħid dwar il-dritt ta' assoċjazzjoni protett bl-Artikolu 11:

> 62. The right to freedom of association laid down in Article 11 incorporates the right to form an association. The ability to establish a legal entity in order to act collectively in a field of mutual interest is one of the most important aspects of freedom of association, without which that right would be deprived of any meaning (see *Gorzelik and Others v. Poland* [GC], no. 44158/98, § 88, ECHR 2004-I; see also *Sidiropoulos and Others v. Greece*, 10 July 1998, § 40, *Reports of Judgments and Decisions* 1998-IV).

---

[25] No. 11214/19, ECHR 2023-IV : il-QEDB ma sabitx ksur tal-Art. 11 tal-Konvenzjoni:

"102. In assessing the necessity and proportionality of the measure complained about, the Court notes the specific circumstances of the present case, where it has been duly established that the applicant association, while continuing to present its activities under the guise of humanitarian aid, knowingly supported international terrorism, directly or indirectly. The Court can also not overlook the fact that the conduct of such an association is incompatible with core Convention values ….. It may be added that in the case at hand, neither in the national proceedings nor in its application to the Court did the applicant association dissociate itself from Hamas's violent aims and actions.

Conclusion

103. Given the wider margin of appreciation in the specific circumstances of the present case ………and taking note of the comprehensive balancing exercise conducted by the national courts and the weighty interests at stake, the Court is therefore satisfied that the authorities adduced relevant and sufficient reasons and did not overstep their margin of appreciation. The interference with the applicant association's freedom of association was therefore proportionate to the legitimate aims pursued and was thus "necessary in a democratic society"."

63. In its case-law, the Court has established the principle that only convincing and compelling reasons can justify restrictions on that freedom. All such restrictions are subject to rigorous supervision by the Court (see *Gorzelik and Others*, cited above, § 88, and *Sidiropoulos and Others*, cited above, § 40).

[…]

72. Any interference with the right to freedom of association must pursue at least one of the legitimate aims set out in paragraph 2 of Article 11: national security or public safety, the prevention of disorder or crime, the protection of health or morals, and the protection of the rights and freedoms of others. Exceptions to freedom of association must be narrowly interpreted, such that their enumeration is strictly exhaustive and their definition is necessarily restrictive (see *Sidiropoulos and Others*, cited above, § 38)[26]

68. Rilevanti jiġi osservat illi kif intwera fir-riżultat tal-aħħar elezzjoni miżmuma fis-sena 2022, <u>bit-tħaddim tal-Artikolu 52A b'kollox</u>, il-kandidati nisa li ġew eletti fil-Parlament jagħmlu biss 27.8% tat-total ta' membri parlamentari; 'il bogħod sew mill-mira ta' 40%. Mingħajr il-mekkaniżmu tal-ġeneru, u cioe' bit-tħaddim sal-istadju provdut bl-Artikolu 52, il-persentaġġ ta' nisa eletti fil-Parlament kien ikun ferm aktar inferjuri, **14.93% biss**, 10 MP's nisa minn total ta' 69 membri parlamentari. Effettivament in-numru ta' kandidati nisa eletti bl-Artikololu 52A impunjat mir-rikorrent jaqbeż in-numru ta' nisa eletti bl-Artikolu 52 għaliex kif rajna tnax (12) il-mara ġew eletti bil-mekkaniżmu tal-ġeneru filwaqt li kienu biss għaxra (10) li ġew eletti qabel tħaddem il-mekkaniżmu tal-ġeneru.

69. Huwa minnu bħala stat ta' fatt dak li jilmenta minnu r-rikorrent li l-mekkaniżmu tal-ġeneru japplika biss jekk fil-Parlament jiġu eletti biss kandidati miż-żewġ partiti u ma jiġix attivat jekk fil-Parlament jitla t-tielet partit bit-tħaddim tal-Artikolu 52. Iżda kif ġie spjegat minn Dr Austin Bencini:

"The Constituion, through article 52A, embarked on an exercise in social engineering by the addition of extra seats to balance gender representation

---

[26] Ara wkoll **Zhekhev v. Bulgaria** - QEDB - 21 ta' Settembru, 2007 (nru. 57045/00): "34. The right to form an association is an inherent part of the right set forth in Article 11 of the Convention. The ability to form a legal entity in order to act collectively in a field of mutual interest is one of the most important aspects of the right to freedom of association, without which that right would be deprived of any meaning. The way in which national legislation enshrines this freedom and its practical application by the authorities reveal the state of democracy in the country concerned."

in the House of Representatives after the political result is completed in all of the various stages contemplated by article 52 at both the PRSTV stage as well as its corrective mechanisms stage."[27]

[…]

"It becomes very important to note therefore that the gender balance enchancement mechanism operates transversely across the political alignment of the two parliamentary groups. This is in line with the very constitutional *raison d'etre* underlying the gender balance reform, which is that the under-represented MP's of both parties are to act in unison to reform the workings within the male-dominated environment in Parliament, thereby allowing the procedures of the House to become more amenable to the requirements of women and to ensure that women participate more fully in all the workings of the House, such as in all the Parliamentary Committees."[28]

70. Il-Qorti tqis illi kandidat waħdu jew flimkien ma' ħaddieħor joħroġ għall-elezzjoni ġenerali bit-tir li jiġi elett fil-Parlament bis-saħħa tal-voti li jilħqu l-kwota taħt is-sistema PRSTV.

71. Eżaminati l-provi mressqa mir-rikorrent u fid-dawl tal-ġurisprudenza ċitata l-Qorti tqis illi ma ssib xejn li jista' jitqies illi d-dritt ta' assoċjazzjoni tar-rikorrent protett bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni qed jiġi miksur. Ix-xhieda li ressaq ir-rikorrent sabiex jissostanzja dan l-aspett tal-ilment tiegħu fil-fehma tal-Qorti bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu prova li l-jedd ta' assoċjazzjoni tiegħuqed jiġi leż. Kienet għażla taż-żewġ xhieda imsemmija li ma jassoċjawx ruħhom mar-rikorrent sabiex flimkien joħorġu bħala kandidati għall-eleżżjoni ġenerali. Bil-fatt li jistqarru li ma assoċjawx ruħhom mar-rikorrent minħabba l-introduzzjoni ta' Artikolu 52A, ma jikkonvertix ruħu fi ksur tal-jedd fundamentali tar-rikorrent ta' assoċjazzjoni.

72. Fi kwalunkwe każ, tenut kont anke dak li seħħ fl-aħħar elezzjoni tas-sena 2022, anke li kieku għas-saħħa tal-argument biss wieħed kellu jikkonsidra illi l-introduzzjoni tal-mekkaniżmu tal-ġeneru irrestringa l-jedd tal-assoċjazzjoni tar-rikorrent, tali restrizzjoni kienet tikwalifika bħala restrizzjoni "ġustifikabbli raġonevolment f'soċjetà demokratika" għaliex għandha l-għan leġittimu rikonoxxut universalment

[27] Malta's Hybrid Electoral System - paġ. 278
[28] ibid – paġ. 291

dwar it-tisħiħ tad-demokrazija biż-żieda ta' membri parlamentari nisa fil-Parlament u tissodisfa l-kriterju ta' proporzjonalita' u ta' prevedibilita'.

73. **Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tqis illi r-rikorrent ma seħlux jipprova leżjoni tal-jedd ta' assoċjazzjoni tiegħu protett bl-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni.**

**L-Ilment tar-Rikorrent li qed jiġi Diskriminat sew bħala Votant, sew bħala Kandidat f'assoċjazzjoni ma' Ħaddieħor.**

74. Ir-rikorrent jilmenta wkoll illi l-mekkaniżu tal-ġeneru huwa diskriminatorju fil-konfront tiegħu a bażi tal-opinjoni politika tiegħu bħala votant in kwantu b'konsegwenza ta' Artikolu 52A ma jiġix trattat bl-istess mod kif jiġi trattat votant ieħor li jovvota għaż-żewġ partiti. Iqis illi qed isofri diskriminazzjon politika wkoll bħala kandidat li jixtieq jassoċja ruħu ma' kandidati nisa peress li l-kandidati taż-żewġ partiti huma vantaġġjata u għalhekk mħajrin li jissieħbu ma' dawk iż-żewġ partiti u mhux miegħu peress li jistgħu jibbenefikaw mill-mekkaniżmu tal-ġeneru, mentri kandidati nisa li jikkandidaw ruħhom miegħu ma jistgħu qatt jibbenefikaw mill-Artikolu 52A.

75. Jilmenta wkoll ir-rikorrent illi bit-tħaddim ta' Artikolu 52A qed isofri diskriminazzjoni politika peress li anke kandidati rġiel taż-żewġ partiti jistgħu jiggwadanjaw bit-tħaddim ta' Artikolu 52A għaliex kandidati nisa eletti permezz ta' elezzjoni każwali jistgħu jagħżlu li ma jieħdux siġġu fil-parlament b'dan il-mod u b'hekk joħolqu l-opportunita' għal kandidat raġel peress li jafu li ser jitilgħu xorta waħda fil-Parlament permezz tal-mekkaniżmu tal-ġeneru taħt Artikolu 52A. Jispjega li dan effettivament seħħ fl-aħħar elezzjoni meta kandidata mara tal-Partit Nazzjonalista li ma ġietx eletta bil-PRSTV, kienet l-ewwel fuq il-lista tal-kandidati eliġibbli li titla' fil-Parlament bl-eleżżjoni każwali wara li ġie ċedut siġġu fuq id-distrett tagħha. Hija għażlet pero' li ma tibbenefikax bl-eleżżjoni każwali neċessitata bir-rinunzja ta' siġġu fuq id-distrett tagħha u minflok ġiet eletta deputat parlamentari bil-mekkaniżmu tal-ġeneru. Bl-elezzjoni każwali li rrinunzjat għaliha l-kandidata mara ġie elett kandidat raġel u mhux kandidata mara.

76. Jilmenta wkoll ir-rikorrent illi bil-fatt li l-mekkaniżmu tal-ġeneru jista' jiġi benefikat minn kandidati nisa taż-żewġ partiti biss huwa forma ta' diskriminazzjoni politika fil-konfront tiegħu li ma jħaddanx l-istess politika taż-żewġ partiti in kwantu Artikolu 52A huwa diżinċentiv għal nisa li jridu jassoċjaw ruħhom miegħu f'alleanza ta' kandidati indipendenti għall-elezzjoni ġenerali.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

77. Opportun qabel xejn jiġu ċitati l-provvedimenti tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea li r-rikorrent qed jinvoka fl-ilment tiegħu li qed jiġi diskriminat.

78. **Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**: **Protezzjoni minn Diskriminazzjoni**.

> (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5)u (7) ta' dan l-artikolu, ebda liġi ma għandha tagħmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett tagħha.
>
> (2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6), (7) u(8) ta' dan l-artikolu, ħadd ma għandu jiġi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika.
>
> (3) F'dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess,orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn.
>
> […]
>
> (**11) Ebda ħaġa fid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandha tgħodd għal xi liġi, jew għal xi ħaġa magħmula taħt l-awtorità ta' xi liġi, jew għal xi proċedura jew arranġament, sa fejn dik il-liġi, ħaġa magħmula, proċedura jew arranġament jipprovdu għat-tehid ta' miżuri**

**speċjali bil-għan li tiġi aċċellerata l-ugwaljanza *de facto* bejn irġiel u nisa, u sa fejn biss dawk il-miżuri, meħud kont tat-tessut soċjali ta' Malta, ikunu murija li huma raġjonevolment ġustifikati f'soċjetà demokratika**. (emfasi tal-Qorti).

79. **Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea - Protezzjoni minn Diskrimazzjoni**.

It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor.

80. Hija ġurisprudenza assodata sew nostrana u kif ukoll dik ta' Strasburgu illi Artikolu 14 tal-Konvenzjoni m'għandux eżistenza awtonoma, iżda jista' jiġi invokat biss jekk id-diskriminazzjoni lamentata tkun diskriminazzjoni fit-tgawdija ta' dritt sostantiv ieħor taħt l-istess Konvenzjoni.[29] Huwa għalhekk li xi minn daqqiet ġie msejjaħ "parasitic provision".[30] Ir-rikorrent rabat dan l-aspett tal-ilment tiegħu dwar diskriminazzjoni mal-ewwel ilment tiegħu dwar id-dritt għall-elezzjonijiet liberi protett bl-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll u mhux ukoll mat-tieni ilment tiegħu dwar id-dritt għal-liberta' ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni protett bl-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni.[31]

81. Kif deċiż aktar qabel, il-Qorti ġia sabet illi r-rikorrent qua votant ma sofriex leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għal elezzjonijiet liberi protett bl-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

82. Tinsorġi d-domanda, jista' applikant li ġiet miċħuda l-pretensjoni tiegħu ta' leżjoni ta' dritt sostantiv, jabbina l-istess dritt sostantiv mal-pretensjoni ta' diskriminazzjonoi taħt Artikolu 11 tal-Konvenzjoni?

83. Jidher li tali binarju huwa miftuħ għar-rikorrent u dan għaliex skond il-Qorti ta' Strasburgu kieku kellha żżomm illi Artikolu 14 ma hux applikabbli jekk qabel xejn ma

---

[29] Ara **Ryan Refalo v. Avukat tal-Istat** - Qorti Kostituzzjonali - 12 ta' Lulju, 2023; **Mark Formosa v. Avukat Ġenerali** - Qorti Kostituzzjonali - 31 ta' Mejju, 2023.

[30] **Harris, O'Boyle and Warbrick** - Law of the European Convention on Human Rights - 3rd Edit. (2014) - paġ.767

[31] Ikkompara l-ewwel talba attriċi mat-tieni talba attriċi fir-rikors promotor - fol. 6 tal-proċess.

tkunx instabet leżjoni ta' wieħed mid-drittijiet sostantivi tal-Konvenzjoni, Artikolu 14 jibqa' prattikament mingħajr applikazzjoni sew jekk jinstab li kien leżjoni ta' dritt sostantiv ieħor, sew jekk le; anke għaliex diversi huma l-każi fejn il-QEDB filwaqt li ssib ksur ta' jedd sostantiv ieħor tiddikjara li mhux meħtieġ li tiddelibera u tiddeċiedi wkoll l-ilment taħt Artikolu 14.[32] "By envisaging very early on in its career that there could be a violation of Article 14 when read with a main Convention right, even though that main right had not itself been violated on its own, the Court ensured that the Convention's non-discrimination provision would not remain a dead letter."[33] Għalhekk huwa biżżejjed jekk jiġi muri illi l-ilment ta' diskrimazzjoni jaqa' fl-ambitu ta' wieħed mid-drittijiet sostantivi tal-Konvenzjoni mingħajr ma jinstab ukoll ksur ta' dak id-dritt sostantiv l-ieħor.

84. Sabiex jitqies li jkun ingħata trattament diskriminatorju kontra persuna jeħtieġ jirriżulta li (a) jkun ingħata lil persuna trattament differenti minn dak mogħti lil persuna jew għadd ta' persuni oħrajn (b) li jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixbahha, (ċ) liema trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġonevolment mistħoqq jew (d) jekk f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalità bejn l-għan mixtieq u l-mezz użat. Iżda hekk kif il-parti mġarrba turi li ngħatat trattament differenti, jaqa' d-dmir fuq l-istat li juri li tali trattament kien mistħoqq. (**Rosette Thake et. noe. et. v. l-Onor. Prim Ministru et.** - Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) - 27 ta' Ottubru, 2021; konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-4 ta' Mejju, 2022.).

85. Fil-fehma tal-Qorti ma jirriżultawx l-estremi tad-diskriminazzjoni kontemplati f'Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. L-argument tar-rikorrent illi bħala votant ta' kandidati li ma humiex kandidati ma' wieħed miż-żewġ partiti qed jiġi diskriminat meta mqabbel ma' votanti li jivvutaw għall-kandidati ma' wieħed miż-żewġ partiti peress li l-kandidati preferuti tiegħu ma jibbenefiawx mill-mekkaniżmu tal-ġeneru ma jammontax fil-fehma tal-Qorti għal-leżjoni tal-jedd fundamentali tar-rikorrenti li ma jkunx diskriminat. Id-diskriminazzjoni kontemplata fil-Konvenzjoni u fil-Kostituzzjoni trid tkun naxxenti minn fatturi oġġettivament riskontrabbli bħal per eżempju liġi illi torbot votant dwar lil min jista' jivvota filwaqt li ma torbotx lil ħaddieħor.

---

[32] **Abdulaziz, Cabales & Balkandali vs Renju Unit** (Applik. Nru. 9214/80) §71 – QEDB (GC) - 28 ta' Mejju, 29185; **Jacobs, White , and Ovey** - The European Convention on Human Rights - 6th Edit. (2014) - paġ. 633; ara wkoll **William A. Schabas** - The European Convention on Human Rights : A Commentary - 1st Edit. (2015) – paġ. 563

[33] **Harris, O'Boyle and Warbrick** - Law of the European Convention on Human Rights - 3rd Edit. (2014) - paġ.803

86. Kif rajna aktar qabel, id-dritt fundamentali tar-rikorrent protett sew bil-Konvenzjoni sew bil-Kostituzzjoni huwa id-dritt li jivvota u mhux id-dritt li jivvota għal kandidati li jistgħu potenzjalment jibbenefikaw mill-mekkaniżmu tal-ġeneru.

87. L-eżerċizzju komparattiv li għandu jsir huwa bejn ir-rikorrent u l-votanti l-oħra kollha u mhux bejn ir-rikorrent li jgħid li jivvota għall-kandidati li ma humiex kandidati maż-żewġ partiti u l-votanti li jgħidu li jivvotaw għall-kandidati taż-żewġ partiti. L-ebda trattament diskriminatorju ma tirriskontra l-Qorti dwar il-jedd tar-rikorrent qua votant.

88. **Għalhekk l-ilment tar-rikorrent imsejjes fuq Artikolu 14 abbinat mal-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll qed jiġi respint. Għall-istess raġunijiet qed jiġi respint l-ilment tar-rikorrent imsejjes fuq Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni**.

**Supremazija tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

89. Dwar is-supremazija tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Qorti tibda billi tgħid illi ħadd mill-partijiet ma għamel sottomissjonijiet dwar jekk il-mertu ta' din il-kawża huwiex ukoll milqut minn Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi illi l-Kostituzzjoni hija l-liġi suprema ta' Malta, tenut kont illi Artikolu 52A ġie introdott fil-Kostituzzjoni.

90. Kien biss f'**eċċezzjoni numru 8** li l-intimat Avukat tal-Istat jagħti ħjiel li hawn non si tratta ta' artikolu f'xi liġi ordinarja; iżda filwaqt li jitfa' piż fuq il-kunsens kważi unanimu tal-membri tal-Kamra tad-Deputati, l-ebda referenza għas-supremazija tal-Kostituzzjoni u l-effetti ġuridiċi konsegwenzjali. Din l-eċċezzjoni taqra kif ġej:

> "Illi l-Artikolu 52A, eccetto xi emendi li saru b'riżultat tal-konsultazzjoni pubblika u l-proċess parlamentari, nhar l-14 t'April 2021**, ġie approvat mill-Kamra tad-Deputati kważi unanimament**, b'żewġ voti biss kontra. F'dan l-isfond, kważi r-rappreżentanti kollha tal-poplu Malta, leġittimament magħżula mill-poplu stess, qablu mal-liġi. F'dawn iċ-ċirkostanzi, ċertament illi għandu jingħata piż lill-eżerċizzju demokratiku li wassal għall-promulgazzjoni tal-provvediment mertu ta' dan il-kawża;"

91. Qari tal-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrent juru illi r-rikorrent ma talabx mill-ewwel dikjarazzjoni li l-Artikolu 52A qiegħed jilledi l-jeddijiet tiegħu *inter alia* taħt Artikoli 32 u 45 tal-Kostituzzjoni iżda talab dikjarazzjoni li l-Avukat tal-Istat kisirlu dawn il-

jeddijiet. Mill-provi mressqa mir-rikorrent l-ebda aġir tal-intimat Avukat tal-Istat ma' ġie impunjat filwaqt li sew ir-rikorrent kif ukoll l-intimat trattaw il-kawża bħala att ta' impunjazzjoni tal-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni fuq il-pretensjoni tar-rikorrent li huwa leżiv ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrent protetti sew bil-Kostituzzjoni, sew bil-Konvenzjoni Ewropea .

92. **Fit-tielet talba tiegħu imbagħad, ir-rikorent jitlob b'rimedju li l-Qorti tiddikjara li Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni u kull riferenza għall-istess artikolu sew fil-Kostituzzjoni kif ukoll fir-regolamenti taħt l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali "imorru kontra l-Kostituzzjoni u li huma nulli u mingħajr effett.".**

93. Tinsorġi għalhekk id-domanda, jista' artikolu tal-Kostituzzjoni jiġi dikjarat li huwa leżiv ta' jedd fundamentali protett bl-istess Kostituzzjoni? Mod ieħor, jista' artikolu fil-Kostituzzjoni jiġi dikjarat li jikser l-istess Kostituzzjoni? Jidħlu hawn in xena il-konsiderazzjonijiet fl-ewwel lok dwar is-supremazija tal-Kostituzzjoni; u fit-tieni lok jekk tali supremazija tibqax intatta una volta jiġi allegat illi artikolu tal-Kostituzzjoni huwa leżiv ta' dritt fundamentali protett permezz tal-Konvenzjoni Ewropea formanti parti mil-liġijiet ta' pajjiżna bis-saħħa tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta..

94. **Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni,** li n-nota marġinali tiegħu taqra "Il-Kostituzzjoni tkun il-liġi suprema", jiipprovdi preċiżament dwar is-supremazija tal-Kostituzzjoni fuq kwalunkwe liġi oħra:

> **"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (7) u (9) tal-artikolu 47 u tal-artikolu 66 ta' din il-Kostituzzjoni, jekk xi liġi oħra tkun inkonsistenti ma' din il-Kostituzzjoni, din il-Kostituzzjoni għandha tipprevali u l-liġi l-oħra għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett."**

95. Għalkemm in-noti marġinali tad-disposizzjonijiet f'liġi ma humiex strettament parti mil-liġi, huma riflessjoni konċiża ta' dak li l-Leġislatur kellu fil-ħsieb tiegħu meta tkun ġiet promulgata. Bil-fatt li n-nota marġinali abbinata ma' Artikolu 6 tgħid mingħajr mezzi termini illi l-Kostituzzjoni hija "il-liġi suprema", hija ċ-ċertifikat biex ngħidu hekk tal-karattru uniku tal-Kostituzzjoni; speċi ta' *grundnorm,* biex nisiltu minn Hans Kelsen.[34].

96. Huwa miżmum illi anke meta Kostituzzjoni ma tgħidx espressament li hi l-liġi suprema ta' pajjiż, xorta waħda tgawdi minn tali supremazija. Kif jgħid il-**Professur**

[34] The Pure Theory of Law.

**J.J. Cremona** fil-pubblikazzjoni tiegħu "**Selected Papers 1946 – 1989**" meta jirreferi għall-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni: "But in truth in the Maltese legal system, where the Constitution is a written one and imposes limitations on the powers of the legislature which it itself created, the hierarchical superiority of the Constitution exists and operates independently of this formal affirmation, which, as was stated in respect of a kindred provision in another Commonwealth constitution, was only inserted *ex abundanti cautela*........the plain constitutinal truth is that the principle formally affirmed in section 6 exists and operates, as already said, independently of such formal affirmation; and since as Professor de-Smith puts it, "it does not strictly need to be expressely stated", it likewise does not need, in the philosphy of the Constitution itself, to be formally entrenched, as it only represents what is in fact innate in it." [35]

97. Skond Artikolu 6 fuq ċitat, trid tkun "xi liġi oħra" li mhiex konsistenti mal-Kostituzzjoni sabiex tkun "bla effett". Il-Kostituzzjoni hija siekta dwar il-possibilita' ta' inkonsistenza bejn artikoli diversi fi ħdan il-Kostituzzjoni. Dan wara kollox lanqas huwa sorprendenti tenut kont li bħala l-għola liġi ta' pajjiż ma hux mistenni li parti minn liġi suprema tikser parti oħra mill-istess liġi suprema. Bil-fatt illi llum Artikolu 6 huwa wkoll 'entrenched' ikompli jsaħħaħ, jekk tisħiħ kien hemm bżonn, is-supremazija tal-Kostituzzjoni.

98. Tibqa' dejjem applikabbli l-massima *Ubi Lex Voluti Dixit Ubi Noluit Tacuit*. Ladarba l-Kostituzzjoni espressament issemmi li hija biss liġi oħra li tista' tinstab inkonsistenti magħha u ma ssemmi xejn dwar il-possibilita' ta' inkonsistenza bejn id-diversi artikoli tal-istess Kostituzzjoni, isegwi illi dak li ma tgħidx il-Kostituzzjoni f'dan ir-rigward huwa eskluż. Artikolu 6 huwa ċar u ma jagħti lok għal ebda ekwivoku.

99. Jikkonsegwi minn Artikolu 66 illi filwaqt li l-Parlament biss għandu l-jedd li jibdel il-Kostituzzjoni, u mhux il-qrati, fl-istess ħin huwa marbut li jsegwi l-proċedura stipulata fl-istess Kostituzzjoni. Is-supremazija tal-Kostituzzjoni timmanifesta ruħha wkoll f'ċirkostanzi fejn il-Parlament ibiddel il-Kostituzzjoni mingħajr ma jsegwi l-proċedura hemm stipulata. F'tali każ il-Qorti Kostituzzjonali għandha s-setgħa li tħassar artikolu fil-Kostituzzjoni.

100. Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Jannar 1971 fl-ismijiet **Onorevoli Dom Mintoff vs. Onorevoli Giorgio Borg Olivier bħala Prim` Ministru ta` Malta et.,** li kienet kawża dwar il-proċedura segwita mill-Kamra tad-Deputati fil-

[35] PEG Publihsers - 1st Ed. 1990 paġ. 230

konsiderazzjoni ta` emendi għall-Kostituzzjoni bl-Att XXVI tal-1970, qieset li l-kliem 'votazzjoni finali' fil-ħames sub-artikolu tal-Artikolu 66 jirreferi għat-tielet qari tal-liġi u mhux għall-votazzjonijiet preċedenti dwar l-istess abbozz ta' liġi.

101. Ta' rilevanzi f'dan ir-rigward hija s-sentenza **Giuseppe Micallef Goggi v. PL Emanuele Armando Mifsud** [36] mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ġunju, 1930 fejn il-Qorti irriteniet liġi *ultra vires* peress li l-promulgazzjoni tagħha ma segwitx il-proċedura stabbilita fil-Kostituzzjoni tal-1921. Interessanti illi l-Kostituzzjoni tal-1921 ma kelliex artikolu dwar is-supremazija tagħha simili għall-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni tal-1964; iżda l-Qorti xorta waħda irrikonoxxiet u applikat is-superjorita' tal-Kostituzzjoni għal kwalunkwe liġi oħra mgħoddija mil-Leġislatur Malti.

102. L-istess prinċipju inżamm fis-sustanza fis-sentenza **Onor. Dom Mintoff v. Onor. Giorgio Borg Olivier** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali[37] fil-5 ta' Novembru, 1970 fejn il-Qorti kienet adita sabiex tiddikjara li emenda għall-Kostituzzjoni kienet nulla għaliex skond l-attur ma kienux ġew segwiti l-i*standing orders*. Il-Qorti Kostituzzjonali iddikjarat illi kellha ġurisdizzjoni tiddeċiedi dwar il-validita o meno ta' att tal-Parlament li emenda l-Kostituzzjoni fejn ġie allegat li ġie mgħoddi bi ksur tal-proċedura stabblita' fl-istess Kostituzzjoni u fl-istanding orders. Il-Qorti Kostituzzjonali żammet illi:

> "..... b'dana kollu l-limiti li hemm għas-sovranita' tal-Parlament Malti huma dawk biss li hemm fil-Kostituzzjoni ta' Malta: fejn il-Kostituzzjoni ma timponix limiti, u għalhekk suggett għas-supremazija tal-Kostituzzjoni, il-Parlament hu sovran.
>
> \- Omissis -
> \-
>
> Dak li jista' biss jinteressa lill-Qrati hu jekk hemm jew ma hemmx raġunijiet legali biex il-liġi in kwistjoni titqies li hi invalida, u il-ġurisdizzjoni tal-Qorti....... ma tistax tkun ħlief limitata għal dik l-indaġini
>
> Dak li għandu jiġi investigat hu biss jekk, sempliċement bħala fatt, ġewx inosservati jew miksura xi regoli ta' l-Kamra li għandhom rilevanza għar-regolarita' tat-tieni u t-tielet qari ta' l-abbozz u l-votazzjoni f'dawk li stadji biex kif sostanzjalment, fil-fehma ta' din il-Qorti, [kif] qalet l-ewwel Onorabbli Qorti – jista' jiġi deċiż jekk, skond il-Kostituzzjoni, l-Att hux invalidu."

[36] Ċitata fil-pubblikazzjoni "**Leading Cases in Maltese Constitutional Law**" - Tonio Borg - 1st Ed. 2019 paġ. 2
[37] Qorti Kostituzzjonali komposta dak iż-żmien minn ħames imħallfin presjeduta mill-Prim Imħallef Sir Anthony Mamo.

103. Il-Qrati nostrani ġia kellhom l-opportunita' li jiddikjaraw li s-supremazija tal-Kostituzzjoni tagħna twassal għall-konklużjoni waħda, illi l-ebda artikolu tagħha ma jista' jitqies li jikser disposizzjoni oħra tal-istess Kostituzzjoni. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċċita żewġ sentenzi fejn dan il-prinċipju ġie affermat.

104. Fil-kawża **Dottor Harry Vassallo v. Onor. Prim Ministru et.**[38] l-attur talab lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex tiddikjara illi l-klawsola "u skont il-prinċipji ta' non-allineament l-imsemmija tarznari jiġu mċaħħda lill-bastimenti militari taż-żewġ superpotenzi." fl**-Artikolu 1 subinċiż (3) paragrafu (e) tal-Kostituzzjoni ta' Malta**[39] "hija nulla u bla effett" għaliex sostna illi "... llum il-ġurnata l-kliem "żewġ superpotenzi" m'għadux jagħmel sens attwali u qed jiżvesti l-klawsola li jifforma parti minnha minn kull sens ġuridiku".

105. Għalkemm l-attur f'dik il-kawża ma talabx illi artikolu fil-Kostituzzjoni qed jikser dritt fundamentali tiegħu protett b'artikolu ieħor tal-istess Kostituzzjoni (peress li adixxa l-Qorti ai termini tal-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni - l-*actio popolaris*), rilevanti dak li kellha xi tgħid il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Ottubru, 2001[40]:

> "Illi b'din l-azzjoni, ir-rikorrent qiegħed ifittex dikjarazzjoni li parti mill-artikolu 1(3) tal-Kostituzzjoni huwa null u bla effett fil-liġi, <u>mhux fis-sens li jmur kontra l-istess Kostituzzjoni (għax mhux maħsub li xi parti mill-Kostituzzjoni tista' titqies kontra l-Kostituzzjoni)</u> iżda fis-sens li legalment dak l-artikolu huwa msejjes fuq kunċett li m'għadux jagħmel sens fil-qafas ġuridiku tallum taħt id-Dritt Internazzjonali". (sottolinear tal-Qorti).

106. Dan il-prinċipju kardinali li artikolu tal-Kostituzzjoni ma jistax jinstab leżiv ta' artikolu jew artikoli oħra tal-istess Kostituzzjoni ġie riaffermat fis-sentenza **Adrian**

---

[38] Rik 6/2001

[39] Artikolu 1 (3) (e ) tal-Kostituzzjoni ta' Malta:

(3) "Malta hija stat newtrali li jrid attivament jilħaq il-paċi, is-sigurtà u l-progress soċjali fost in-nazzjonijiet kollha billi jħaddan politika ta' non-allineament u jirrofta li jipparteċipa f'kull alleanzamilitari. Dan l-istatus jimplika b'mod partikolari, illi:
-omissis -
(e ) it-tarznari tar-Repubblika ta' Malta jintużaw għalskopijiet kummerċjali ċivili, iżda jistgħu wkoll jintużaw, f'limiti raġonevoli ta' żmien u għadd, għat-tiswija ta' bastimenti militari li jkunu tpoġġewf 'qagħda li ma jistgħux jiġġieldu jew għall-bini ta'vapuri; **u skont il-prinċipji ta' non-allineament l-imsemmija tarznari jiġu mċaħħda lill-bastimenti militari taż-żewġ superpotenzi**."

[40] Mhux appellata.

**Agius et vs. L-Avukat tal-Istat et**[41] mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2023:

> "22. Għalhekk huwa ċar li meta l-Kostituzzjoni titkellem dwar inkonsistenza mal-Kostituzzjoni, din l-inkonsistenza tista' tinstab biss f'"xi liġi oħra", u ċjoè liġi li mhijiex il-Kostituzzjoni. Fil-fehma tal-Qorti dan ifisser li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li mhuwiex possibbli li dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni tkun inkonsistenti ma' xi dispożizzjoni oħra tal-Kostituzzjoni. L-Artikolu 6 jistabbilixxi s-supremazija tal-Kostituzzjoni versu kwalunke liġi oħra, iżda la dan l-artikolu u lanqas xi artikoli oħra ma jistabbilixxu ġerarkija tan-normi u dispożizzjonijiet Kostituzzjonali. Il-poter ta' din il-Qorti li tiddikjara xi liġi inkonsistenti mal-Kostituzzjoni joħroġ mil-liġi, u jrid jiġi eżerċitat strettament entro l-parametri tal-liġi. Għalhekk, la l-Kostituzzjoni hija siekta fuq il-kwistjoni ta' kunflitt potenzjali bejn dispożizzjonijiet tagħha stess, din il-Qorti m'għandha l-ebda setgħa li tiddetermina l-ilment tal-appellanti....... mhuwiex possibbli li l-istitut tal-għoti tal-maħfra Presidenzjali nnifsu jiġi impunjat, għaliex allegatament konfliġġenti ma' xi dispożizzjoni oħra tal-Kostituzzjoni."

107. l-Qorti tqis illi tenut kont li Artikolu 52A huwa artikolu tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ma jistax jiġi impunjat bħala li huwa in konflitt ma' disposizzjoni oħra tal-istess Kostituzzjoni, mhux biss minħabba dak li jipprovdi Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni; iżda wkoll peress li skond Artikolu 66 tal-Kostituzzjoni, huwa biss il-Parlament li jista' jibdel il-Kostituzzjoni. U anke hawn il-Parlament huwa meqjus li huwa subordinat għall-Kostituzzjoni għaliex meta jiġi sabiex jemenda l-Kostituzzjoni huwa suġġett li jaġixxi fit-termini tal-istess Kostituzzjoni. Il-Parlament jista' jibdel il-Kostituzzjoni kemm-il darba jsegwi d-dispost tal-Artikolu 66 tal-istess Kostituzzjoni li jipprovdi fost l-oħrajn dawk l-istanzi fejn hi meħtieġa l-approvazzjoni ta' mhiux anqas minn żewġ terzi tad-deputati parlamentari sabiex artikolu fil-Kostituzzjoni jiġi emendat, mħassar jew miżjud. Artikolu 66 huwa wkoll riflessjoni tas-supremazija tal-Kostituzzjoni fuq kwalunkwe liġi oħra.

108. Għaldaqstant fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet appena magħmula, ġialadarba ma ġietx impunjata l-proċedura li permezz tagħha Artikolu 52A sar jagħmel parti mill-Kostituzzjoni ta' Malta bħala wieħed mill-artikoli kostituzzjonali mħarsa b'Artikolu 66 tal-Kostituzzjoni; ġaladarba Att XX tal-2021 li bih ġie introdott l-

[41] Rik. 690/2021

Artikolu 52A fil-Kostituzzjoni għadda mill-proċess Parlamenti b'vot kważi unanimu u huwa *entrenched* bħal-provvedimenti dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Individwu (u provedimenti oħrajn) fl-Artikolu 66 tal-Kostituzzjoni; ġaladarba b'applikazzjoni ta' Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni, Artikolu 52A huwa ugwali għall-provvedimenti dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Individwu, din il-Qorti, fermi l-konsiderazzjonijiet kollha fuq magħmula dwar id-diversi artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni invokati mir-rikorrent, tiddikjara illi fi kwalunkwe każ, b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza fuq riferita, il-Qorti ma tistax tqis li Artikoli 52A tal-Kostituzzjoni jikser il-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent protetti bl-Artikoli 32[42] u 45 tal-istess Kostituzzjoni.

**Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**

109. Lanqas ma l-Qrati Maltin jistgħu jiddikjaraw Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni bħala li jikser il-Konvenzjoni Ewropea.

110. Il-Konvenzjoni Ewropea ma għandix effett dirett fil-ġurisdizzjoni Maltija iżda ingħatat effett in forza ta' A**rtikolu 3 (2) tal-Kapitolu 319 (Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea)** li jipprovdi li "fejn ikun hemm xi **liġi ordinarja** li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali għandhom jipprevalu u dik il-liġi ordinarja għandha sa fejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett."(emfasi tal-Qorti). L-Att jiddeskrivi l-għan tiegħu bħala "Biex jipprovdi sabiex l-Artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, isiru u jkunu esegwibbli bħala, parti mil-Liġi ta' Malta."

111. **Artikolu 2 tal-Kap. 319** jiddefinixxi "Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali" bħala dawk id-drittijiet u libertajiet elenkati fl-artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni u l-artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll, l-artikoli 1 sa 4 (inklużi) tar-Raba' Protokoll, l-artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll u l-artikoli 1 sa 5 (inklużi) tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni, liema artikoli qegħdin jinġiebu fl-<u>Ewwel Skeda tal-Att.</u> Isegwi għalhekk illi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali sanċiti bil-Konvenzjoni Ewropea huma parti mil-liġijiet ordinarji ta' pajjiżna u fil-gerarkija ta' normi leġislativi huma

[42] Dan l-artikolu għandu jinqara fid-dawl tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni. Ara wkoll **Direttur għal Ħarsien tal-Minuri vs. Doreen Debono et** deċiża minn din il-Qorti kif preseduta fl-10 ta' Diċembru 2020.

subordinati għall-Kostituzzjoni. Isegwi għalhekk illi Kap. 319 huwa subordinat għall-Kostituzzjoni.

112. Dan huwa kkonfermat mid-definizzjoni li Kapitolu 319 jagħti lil frażi "liġi ordinarja" adoperata f'Artikolu 3 (2) fuq ċitat – ""liġi ordinarja" tfisser kull dokument li għandu s-saħħa ta' liġi ukoll regola ta' liġi mhux miktuba, **minbarra l-Kostituzzjoni ta' Malta**."[43] Għaldaqstant fil-ġurisdizzjoni Maltija, filwaqt li l-liġijiet ordinarji huma soġġetti għall-Konvenzjoni Ewropea, il-Kostituzzjoni ta' Malta m'hijiex. Mod ieħor, quddiem il-Qrati Maltin ebda dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ma tista' titqies li tmur kontra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem formanti parti mil-liġijiet ta' Malta bis-saħħa ta' Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.[44]

113. Fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż, minħabba n-novita' tal-mertu tal-kawża, l-Qorti tqis li jkun floku li kull parti tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tagħha.[45]

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. **Tilqa'** l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-intimat Avukat tal-Istat;

2. **Tiċħad** l-ewwel talba tar-rikorrent, ma ssibx li Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni ta' Malta jikser id-dritt fundamentali tar-rikorrent għall-elezzjonijiet ħielsa sanċit b'Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; ma ssibx lanqas li Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni ta' Malta jikser id-dritt fundamentali tar-rikorrent li ma jkunx diskriminat sanċit b'Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u b'Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

3. **Tiċħad** it-tieni talba tar-rikorrent, ma ssibx li Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni ta' Malta jikser id-dritt fundamentali tar-rikorrent għal-liberta' ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni sanċit b'Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u b'Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

---

[43] Enfasi tal-Qorti.
[44] Ara **Adrian Agius et vs. L-Avukat tal-Istat et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2023 ċitata supra.
[45] Ara. **Il-Pulizija v. Martin Tabone** - Qorti Kostituzzjonali - 10 ta' Ottubru, 2022.

4. **Tiċħad** it-tielet talba.

**Spejjeż** bejn il-partijiet jibqgħu bla taxxa, tenut kont in-novita' tal-mertu tal-kawża.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
23 ta' Ottubru, 2023

**PL Carina Abdilla**
**Deputat Reġistratur**